# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Kumpilazzjoni Nru 913/02

**Il-Pulizija**
**(Spett Neil Harrison u Spett Norbert Ciappara)**

**kontra**

**Yvette Muscat, Trudy Testa, Pierre Camilleri, Carmen Armeni, Sylvana Bugeja, Juma Said Karfoosh, Suzanne Abela u Albert Bugeja**

Illum, 12 ta' Gunju 2018

**1.** **<u>AKKUZI</u>**

Rat l-akkuzi ippresentati fil-15 ta' Ottubru 2009 kontra **Yvette Muscat** ta' 44 sena, bint Aurelio u Pauline nee' Hughes, imwielda Balzan fit-30 ta' Ottubru tas-sena 1964, residenti 'Sanford', Triq il-Wied, Iklin, u detentrici ta' karta tal-identita numru 502466(M) li kienu s-segwenti:

*Talli, f'dawn il-Gzejjer u barra minn dawn il-Gzejjer, fit 30 ta' Mejju 2002 u matul l-ahhar sitt xhur ta' qabel:*

*assocjat ruhha ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex timporta, tbiegh jew tittraffika medicina (kokaina u l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha) f'Malta kontra id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwoviet, ikkonstitwiiet, organizzat jew iffinanzjat din l-assocazzjoni:*

*u*

*ghenet, hajjret, tat parir jew fittxet biex jigi maghmul f'post barra minn Malta reat li ghalih hemm piena skond id-disposizzjonijiet ta' xi ligi korrispondenti li tkun issehh f'dak il-post, jew assocjat ruhha ma xi persuna jew persuni f'Malta sabiex isir tali reat jew ghamlet xi haga biex thejji jew tiffacilita' xi att li, kienu jsir f'Malta, ikun reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101)*

Rat l-akkuzi ippresentati fil-15 ta' Ottubru 2009 kontra **Trudy Testa** ta' 34 sena, bint Raymond u Maria Dolores nee' Sammut, imwielda San Giljan fl-24 ta' Mejju tas-sena 1975, residenti 'Mangrove', Triq Geraldu Mangion, Mqabba, u detentrici ta' karta tal-identita numru 279275(M) li kienu s-segwenti:

*Talli, f'dawn il-Gzejjer u barra minn dawn il-Gzejjer, fit 30 ta' Mejju 2002 u matul l-ahhar sitt xhur ta' qabel:*

*assocjat ruhha ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex timporta, tbiegh jew tittraffika medicina (kokaina u l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha) f'Malta kontra id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwoviet, ikkonstitwiiet, organizzat jew iffinanzjat din l-assocazzjoni:*

*u*

*ghenet, hajjret, tat parir jew fittxet biex jigi maghmul f'post barra minn Malta reat li ghalih hemm piena skond id-disposizzjonijiet ta' xi ligi korrispondenti li tkun issehh f'dak il-post, jew assocjat ruhha ma xi persuna jew persuni f'Malta sabiex isir tali reat jew ghamlet xi haga biex thejji jew tiffacilita' xi att li, kienu jsir f'Malta, ikun reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101)*

Rat l-akkuzi ippresentati fil-15 ta' Ottubru 2009 kontra **Pierre Camilleri** ta' 27 sena, iben Mario u Rebecca nee' Simiana, imwieled Pieta fit-18 ta' Novembru tas-sena 1981, residenti 'Josephine Flats', Flat 5, Triq ir-Ramel, San Pawl il-Bahar, u detentur ta' karta tal-identita numru 655581(M) li kienu s-segwenti:

*Talli, f'dawn il-Gzejjer u barra minn dawn il-Gzejjer, fit 30 ta' Mejju 2002 u matul l-ahhar sitt xhur ta' qabel:*

*assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina (kokaina u cannabis) f'Malta kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew li ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni;*

*u*

*ghen, hajjar, ta' parir jew fittex biex jigi maghmul f'post barra minn Malta reat li ghalih hemm piena skond id-disposizzjonijiet ta' xi ligi korrispondenti li tkun issehh f'dak il-post, jew assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta sabiex ghamel tali reat jew ghamel xi haga biex iejji jew jiffacilita' xi att li, kieku jsir f'Malta, ikun reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat l-akkuzi ippresentati fil-15 ta' Ottubru 2009 kontra **Carmen Armeni** ta' 48 sena, bint Carmelo u Dolores k/a Doris nee' Hili, imwielda Valletta fid-19 ta' April tas-sena 1961, residenti Entratura A, Flat 3, Triq George Mangion, Mqabba u detentrici ta' karta tal-identita numru 337861(M) li kienu s-segwenti:

*Talli, f'dawn il-Gzejjer u barra minn dawn il-Gzejjer, fit 30 ta' Mejju 2002 u matul l-ahhar sitt xhur ta' qabel:*

*assocjat ruhha ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex timporta, tbiegh jew tittraffika medicina (kokaina u l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha) f'Malta kontra id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwoviet, ikkonstitwiiet, organizzat jew iffinanzjat din l-assocazzjoni:*

*u*

*ghenet, hajjret, tat parir jew fittxet biex jigi maghmul f'post barra minn Malta reat li ghalih hemm piena skond id-disposizzjonijiet ta' xi ligi korrispondenti li tkun issehh f'dak il-post, jew assocjat ruhha ma xi persuna jew persuni f'Malta sabiex isir tali reat jew ghamlet xi haga biex thejji jew tiffacilita' xi att li, kienu jsir f'Malta, ikun reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101)*

Rat l-akkuzi ippresentati fil-15 ta' Ottubru 2009 kontra **Sylvana Bugeja** ta' 29 sena, bint Carmelo u Dolores k/a Doris nee' Hili, imwielda Pieta fid-9 ta' Novembru tas-sena 1972, residenti 'Kennedy', Triq l-Oraturju, Gharghur u detentrici ta' karta tal-identita numru 19373(M) li kienu s-segwenti:

*Talli, f'dawn il-Gzejjer u barra minn dawn il-Gzejjer, fit 30 ta' Mejju 2002 u matul l-ahhar sitt xhur ta' qabel:*

*assocjat ruhha ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex timporta, tbiegh jew tittraffika medicina (kokaina u l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha) f'Malta kontra id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwoviet, ikkonstitwiiet, organizzat jew iffinanzjat din l-assocazzjoni:*

*ghenet, hajjret, tat parir jew fittxet biex jigi maghmul f'post barra minn Malta reat li ghalih hemm piena skond id-disposizzjonijiet ta' xi ligi korrispondenti li tkun issehh f'dak il-post, jew assocjat ruhha ma xi persuna jew persuni f'Malta sabiex isir tali reat jew ghamlet xi haga biex thejji jew tiffacilita' xi att li, kienu jsir f'Malta, ikun reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101)*

u aktar

*Talli, f'dawn il-Gzejjer u barra minn dawn il-Gzejjer, fit 3 ta' Awissu 2002 u matul l-ahhar sitt xhur ta' qabel:*

*Kellha fil-pussess taghha r-raza mehudha mill-pjanta cannabis bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta*

*u*

*Kelllha ukoll fil-pussess taghha l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat l-akkuzi ippresentati fil-15 ta' Ottubru 2009 kontra **Juma Said Karfoosh** ta' 35 sena, iben Said u Firla, imwieled Tripoli, Libja fil-25 ta' Novembru tas-sena 1966, residenti 14/7, triq Barth, Hamrun, u detentur ta' Passaport Libyan numru 855258 li kienu s-segwenti:

> *Talli, f'dawn il-Gzejjer u barra minn dawn il-Gzejjer, fit 30 ta' Mejju 2002 u matul l-ahhar sitt xhur ta' qabel:*
>
> *assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina (kokaina u cannabis) f'Malta kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew li ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni;*
>
> *u*
>
> *ghen, hajjar, ta' parir jew fittex biex jigi maghmul f'post barra minn Malta reat li ghalih hemm piena skond id-disposizzjonijiet ta' xi ligi korrispondenti li tkun issehh f'dak il-post, jew assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta sabiex ghamel tali reat jew ghamel xi haga biex iejji jew jiffacilita' xi att li, kieku jsir f'Malta, ikun reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat l-akkuzi ippresentati fil-15 ta' Ottubru 2009 kontra **Suzanne Abela** ta' 43 sena, bint Alfred u Frances nee' Lomiglio, imwielda Carlton, Melbourne, Victoria, Australia fid-29 ta' Jannar tas-sena 1966, residenti 14, 'Eaton Place', Tower Road, Sliema u detentrici ta' karta tal-identita numru 479092(M) li kienu s-segwenti:

> *Talli, f'dawn il-Gzejjer u barra minn dawn il-Gzejjer, fit 30 ta' Mejju 2002 u matul l-ahhar sitt xhur ta' qabel:*
>
> *assocjat ruhha ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex timporta, tbiegh jew tittraffika medicina (kokaina u l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha) f'Malta kontra id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwoviet, ikkonstitwiiet, organizzat jew iffinanzjat din l-assocazzjoni:*
>
> *ghenet, hajjret, tat parir jew fittxet biex jigi maghmul f'post barra minn Malta reat li ghalih hemm piena skond id-disposizzjonijiet ta' xi ligi korrispondenti li tkun issehh f'dak il-post, jew assocjat ruhha ma xi persuna jew persuni f'Malta sabiex isir tali reat jew ghamlet xi haga biex thejji jew tiffacilita' xi att li, kienu jsir f'Malta, ikun reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101)*

u aktar

> *Talli, f'dawn il-Gzejjer u barra minn dawn il-Gzejjer, fit 30 ta' Mejju 2002 u matul l-ahhar sebgha snin qabel dina d-data:*

*associat ruhha ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex timporta, tbiegh jew tittraffika medicina (kokaina u l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha) f'Malta kontra id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwoviet, ikkonstitwiiet, organizzat jew iffinanzjat din l-assocazzjoni:*

*ghenet, hajjret, tat parir jew fittxet biex jigi maghmul f'post barra minn Malta reat li ghalih hemm piena skond id-disposizzjonijiet ta' xi ligi korrispondenti li tkun issehh f'dak il-post, jew assocjat ruhha ma xi persuna jew persuni f'Malta sabiex isir tali reat jew ghamlet xi haga biex thejji jew tiffacilita' xi att li, kienu jsir f'Malta, ikun reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101)*

Rat l-akkuzi ippresentati fil-15 ta' Ottubru 2009 kontra **Albert Bugeja** ta' 37 sena, iben Costantine u Helen nee' Vidal, imwieled Pieta fid-8 ta' Lulju tas-sena 1972, residenti 'Charles Flats', No 6. Triq Enrico Mizzi, Gzira, u detentur ta' karta tal-identita numru 300672(M) li kienu s-segwenti:

*Talli, f'dawn il-Gzejjer u barra minn dawn il-Gzejjer, fit 30 ta' Mejju 2002 u matul l-ahhar sitt xhur ta' qabel:*

*assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina (kokaina u cannabis) f'Malta kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew li ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni;*

*u*

*ghen, hajjar, ta' parir jew fittex biex jigi maghmul f'post barra minn Malta reat li ghalih hemm piena skond id-disposizzjonijiet ta' xi ligi korrispondenti li tkun issehh f'dak il-post, jew assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta sabiex ghamel tali reat jew ghamel xi haga biex iejji jew jiffacilita' xi att li, kieku jsir f'Malta, ikun reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

## 2. INDICI TA' PROVI IMRESSQA

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni mibdija fl-1 ta' Novembru 2002 u x-xhieda hemm inkluza, partikolarment is-segwenti:

- Ix-xhieda ta' l-**Ispettur Neil Harrison** (fol 212), l-**Ispettur Norbert Ciappara** (fol 245), **Herbert Agius** (fol 257 u fol 278), **Saviour Sacco** (fol 262) u l-**Marixxal Manwel Stivala** (fol 271) moghtija lkoll fit 13 ta' Novembru 2002.
- Ix-xhieda ta' **Joseph Sacco** (fol 293), **Helen Bugeja** (fol 308), **Carmelo Saliba** (fol 309), **Wilhelmina Chetcuti** (fol 320), **Charmaine Camilleri** (fol 321), **Joseph Bone**

(fol 322), **Raymond Magri** (fol 324), **Edwina Trabelsi** (fol 327), **Sabrina Chisari** (fol 333) u **Christian Bugeja** (fol 336) moghtija lkoll fil 15 ta' Novembru 2002.

- Ix-xhieda tal-**PC 1013 Raymond Debono** (fol 351), il-**PC 579 Antoine Micallef** (fol 354), il-**WPC 119 Cynthia Camilleri** (fol 356), il-**PC 533 Ryan Pace** (fol 362), il-**PC 23 Stefan Calleja** (fol 364), il-**PC 102 Anthony Portelli** (fol 366), il-**PC 599 Clive John Mangion** (fol 368), il-**PC 536 Jason Caruana** (fol 371), il-**PC 10 Trevor Cassar Mallia** (fol 383), il-**PC 213 Nicholas Borg** (fol 213), il-**PC 1086 Johan Micallef** (fol 395), il-**PC 1183 Oliver Borg** (fol 402), il-**PS 951 Joseph Tonna** (fol 419), il-**PC 1574 Renato Cremona** (fol 1574), il-**PC 706 Norman Cremona** (fol 424), il-**WPC 86 Diane Fenech** (fol 426), il-**WPC 104 Amanda Xuereb** (fol 429), il-**PS 1044 Gordon Calleja** (fol 431), il-**PS 368 Stephen Monreal** (fol 434) u **Monique Borg** (fol 436), lkoll mogtija fid-19 ta' Novembru 2002.

- Ix-xhieda tal-**WPC 158 Joanne Zammit** (fol 493), il-**WPS 45 Marisa Bartolo** (fol 515), **Alphonse Cauchi** bhala rappresentant tal-Airmalta plc (fol 524), **Keith Murphy** bhala rappresntant tal Virtu Ferries Lts (fol 528), **Wilfred Agius** (fol 531) u **Brian Farrugia** bhala rappresentant ta' Transport Malta (fol 534), lkoll moghtija fis-6 ta' Jannar 2003.

- Ix-xhieda tal-**Ispizjar Mario Mifsud** (fol 540), l-espert **Joseph Zammit** (fol 542), **Noel Scerri** rappresentant tal-GO plc (fol 544), u **Claire Cassar** rappresentant tal-Vodafone plc (fol 546), lkoll moghtija fil-15 ta' Jannar 2003.

- Ix-xhieda tal-**Ispettur Neville Aquilina** (fol 569) u **PS 621 Pierre Calleja** moghtija fl-14 ta' Marzu 2003.

- Ix-xhieda ta' **Claire Cassar**, rappresentant tal-Vodafone plc (fol 592), **Joseph Zammit** (fol 599) u **Dr Joseph Spiteri** (fol 601) moghtija fit 13 ta' Mejju 2003.

- Ix-xhieda ta' **Dr Veronica Aquilina** (fol 659) u d-dokumentazzjoni minn esebita (fol 661 sa 1486) moghtija fis 6 ta' Ottubru 2003.

- Ix-xhieda ta' **Francis Chetcuti** (fol 1542) u **PS114 Massimo Persiano** (fol 1544) moghtija fil 5 ta' Frar 2004.

- Ix-xhieda ta' **PC 138 Joseph Portelli** (fol 1550), **Daniel Victor Bonnici** (fol 1552) u **Victor Bonnici** (fol 1554) moghtija fid 9 ta' Frar 2004.

- Ix-xhieda ta' **Martin Bajada** (fol 1616) u d-dokumentazzjoni minnu annessa (fol 1619 sa 1797) moghtija fid 19 ta' April 2004.

- Ir-rogatorji illi ntbaghtu gewwa l-Qorti ta' Catania gewwa l-Italja fis 19 ta' April 2004 (fol 1798).

- Ir-rogatorju illi gew lura Malta fil-lingwa Taljana fid-19 ta' Settembru 2005 (fol 2534 – 2596)

- Ir-rogatorji mitluba mid-difiza ta' Romeo Bone illi ntbaghtu gewwa l-Qorti ta' Catania gewwa l-Italjan fl-14 ta' Frar 2007.

- Ir-rogatorju illi gew lura Malta fil-lingwa Taljana fit-12 ta' Frar 2008 (fol 3416 – 3473)

Rat illi fit-23 ta' Frar 2011 gew ippresentati kopja tat-transcripts illi kienu gew originalment esebiti fl-atti tal-kumpilazzjoni, b'referenza partikolari ghat-transcripts tat-telefonati segwenti:

- **Yvette Muscat** (fol 7435 - 7505)
- **Trudy Testa** (fol 7712 - 7888)
- **Pierre Camilleri** (fol 7506 - 7574)
- **Anthony Gatt** (fol 4363 - 4413)
- **Sylvana Bugeja** (fol 7998 - 8002)
- **Suzanne Abela** (fol 8003 - 8025)

Rat ix-xhieda ta' **Yvette Muscat** (fol 8026 – 8028), ta' **Stephen Muscat** (fol 8038), ta' **Carmen Armeni** (fol 8045 – 8047) u **Dr Joseph Spiteri**, lkoll moghtija fit 23 ta' Frar 2011.

Semghet ix-xhieda ta' **Adrian Caruana Scicluna** (fol 8150 – 8152), **Roxanne Caruana Scicluna** (8152 – 8153) u **Joanne Attard** (fol 8154 – 8155) lkoll moghtija fit 18 ta' April 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Melissa Anastasi** (fol 8162) u **Julian Pace Bonello** (fol 8159-8160) moghtija fl-20 ta' Settembru 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Sylvana Armeni** (fol 8191) moghtija fit 12 ta' Novembru 2014.

Semghet ix-xhieda tal-**Assistent Kummissarju Norbert Ciappara** (fol 8193 – 8194) moghtija fis 26 ta' Novembru 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Pierre Camilleri** (fol 8198 – 8200) moghtija fl 14 ta' Jannar 2015.

Semghet ix-xhieda ta' **Trudy Testa** (fol 8203 – 8208) moghtija fil 11 ta' Frar 2015.

Semghet ix-xhieda ta' **Emanuel Camilleri** (fol 8227 – 8243) moghtija fl 1 ta' Dicembru 2015.

Rat illi fl-1 ta' Dicembru 2015 il-partijiet qablu illi l-provi kollha kienu migbura u setghet tithalla ghas-sottomissjonijiet finali.

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-prosekuzzjoni ippresentata fit 18 ta' Jannar 2016 (fol 8247).

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ta' Trudy Testa Camilleri ippresentata fl-1 ta' April 2016. (fol 8267)

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ta' Albert Bugeja ippresentata fl-1 ta' April 2016. (fol 8270)

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ta' Pierre Camilleri ippresentata fl-1 ta' April 2016. (fol 8273)

Semghet it-trattazzjoni orali ta' Dr Joe Brincat moghtija fit 12 ta' April 2016.

Semghet it-trattazzjoni orali ta' Dr Edward Gatt moghtija fis 17 ta' Mejju 2016.

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ta' Yvette Muscat ippresentata fit-30 ta' Gunju 2016. (fol 8325)

Rat illi fil 31 ta' Mejju 2017 il-kawza giet differita ghas-sentenza.

## 3. OSSERVAZZJONIJIET INIZZJALI

Il-Qorti tosserva, l-ewwel u qabel kollox, illi ghalkemm l-akkuzati tressqu b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fl-1 ta' Novembru 2002, f'proceduri illi kienu mehuda kontempranjament kontra dsatax-il akkuzat iehor, kien eventwalment fil-15 ta' Ottubru 2009 illi nhargu l-akkuzi fil-konfront ta' l-akkuzati odjerni.

Illi Qorti tosserva wkoll illi, ghalkemm l-akkuzi nhargu fil-konfront ta' l-akkuzat fil-15 ta' Ottubru 2009, fis-17 ta' Mejju 2004 il-prosekuzzjoni kienet iddikjarat illi ma kellhiex provi ohra ghajr ir-rogatorji illi hija kienet baghtet gewwa l-Qorti Catania.

Illi ir-rogatorji mill-Italia waslu lura fid 19 ta' Settembru 2005 u minn dakinhar kienu qed iressqu l-provi d-difiza.

Illi, minn dakinhar sas-26 ta' Jannar 2016, id-difiza ressqet ftit li xejn provi u eventwalment saru s-sottomissjonijiet finali bil-miktub u, anke f'dak l-istadju, fis 22 ta' April 2017 reggha kien hemm tentattiv iehor da' parte tad-difiza ta' Yvette Muscat sabiex, ghal darba ohra, terggha tiftah il-provi, tentattiv michud minn dina l-Qorti.

Il-Qorti tosserva wkoll illi, kif ppresjeduta, semghet ghaxar xhieda kif ukoll fliet madwar disat elef pagna ta' dokumentazzjoni u provi mressqa mill-prosekuzzjoni migbura fi tletin volum.

In vista tal-volum konsiderevoli tal-atti processwali, il-Qorti hadet aktar hin milli xtaqet sabiex tgharbel it-tletin volum ta' provi prodotti principalment waqt il-kumpilazzjoni.

**4. FATTI TAL-KAZ -**

**GENERALI**

Jirrizulta illi f'Dicembru tas-sena elfejn u wiehed (2001), il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga gew infurmati li kienu qed isiru arrangamenti sabiex jigu impurtati gewwa Malta mill-Olanda ammonti konsiderevoli tad-droga kokajina u cannabis, it-tnejn li jitqiesu bhala sustanza illegali ai fini tal-ligijiet taghna, u dan ai fini li jigu ttraffikati.

Jirrizulta li kien hemm diversi persuni, xi uhud minnhom li kienu gol-habs ta' Malta, li kienu involuti fl-operat tal-kuntatti u tal-arrangamenti sabiex dan issehh. Fosthom kien hemm l-akkuzati kif hawn fuq imsemmija.

Jirrizulta illi l-Pulizja ghamlet diversi xhur tghassess lill-persuni minnha suspettati, inkluz l-akkuzati fuq imsemmija, u hadmu flimkien mal-Pulizija ta’ Catania illi kienu qed jinvestigaw il-kaz ukoll.

Jirrizulta illi eventwalment l-importazzjoni tad-droga kokajina u cannabis giet sventata hekk kif zewgt persuni illi kellhom jigbru tali droga gewwa Sqallija, Fabio Psaila u Raymond Borg, twaqqfu mill-Pulizija Taljana hekk kif kienu ser jigbru d-droga minn post f’Catania sabiex jghabbuha fuq vettura u jgibuha Malta, u ghalhekk id-droga qatt ma ngiebet Malta

Jirrizulta illi eventwalment, wara illi tali droga inqabbdet, l-Pulizija arrestat varji persuni, inkluzi l-akkuzati meritu tal-kawza odjerna, u, wara illi hadu l-istatements taghhom, ressquhom lkoll fl-1 ta’ Novembru 2002.

Jirrizulta illi, flimkien mal-akkuzatu odjerni, l-prosekuzzjoni ressqet ukoll lill Mario Camilleri, Emanuel Camilleri, Charles Steven Muscat, John Camilleri, Romeo Bone, Emanuela sive Mona Camilleri, Isaac Chetcuti, Emanuel sive Noel Borg, Daniel-Vuctor Bonnici u Alfred Bugeja.

Jirrizulta illi dawna l-persuni, dstatax-il (19) persuna b’kollox, tressqu lkoll flimkien bl-akkuzi fuq indikati, kif ukoll akkuzi ohra, f’kaz ta’ certa persuni partikolari.

Jirrizulta illi sussegwentement saret is-separazzjoni tal-gudizzju fejn il-persuni fuq imsemmija gew processati permezz ta’ proceduri ad hoc filwaqt illi l-akkuzati odjerni baqghu jigu pprocessati permezz tal-proceduri odjerni fejn, eventwalment, fil 15 ta’ Ottubru 2009, inhargu l-akkuzi kontra l-akkuzati odjerni.

Il-Qorti ser issa tghaddi biex telenka, fis-succint, il-fatti illi l-prosekuzzjoni qieghda timputa fil-konfront ta’ kull wiehed mill-akkuzati fuq imsemmija u li wasslu ghall-hrug tal-akkuzi fuq indikati.

## 5. FATTI TAL-KAZ - INDIVIDWALI

### 5. 1- YVETTE MUSCAT

Jirrizulta illi l-akkuzata **Yvette Muscat** tigi mart Charles Stephen Muscat, wiehed mill-persuni illi originalment kienu tressqu fil-Qorti fl-1 ta' Novembru 2002 bl-akkuzi fuq imsemmija u li eventwalment saret is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tieghu.

Jirrizulta illi l-prosekuzzjoni tikkontendi illi Yvette Muscat kienet tircievi struzzjonijiet minghand ir-ragel taghha, Charles Stephen Muscat, illi dak iz-zmien kien ic-Centru Korrettiv ta' Kordin, u hi kienet taghmel l-affarjiet illi kien jghidilha l-istess Charles Stephen Muscat. Jirrizulta, di fatti, illi skond il-prosekuzzjoni, fix-xhieda ta' l-Ispettur Neil Harrison, jintqal illi (fol 214-215):

> *"... fit 3 ta' April ta' din is-sena, dejjem din is-sena (2002), ghal habta ta xit-tlieta u ghoxrin ta' wara nofsinhar, Raymond Borg kien mar barra r-residenza ta' Yvette Muscat, ftit 'l isfel, gewwa Iklin, u fil-fatt, ahna mill-provi li ghandna li Yvette Muscat ghaddiet xi flus lil Raymond Borg u fil-fatt ghandna filmat ukoll fejn Yvette Muscat tidher hierga mir-residenza taghha u qed tghaddi borza, jidher b'xi karti catti fihom lil dan Raymond Borg, li kien qieghed jistenniha fil-karozza tieghu barra r-residenza taghha. Fil-fatt hadet ftit sekondi, kemm harget, ghaddietlu l-flus, kellmitu u regghet dahlet fir-residenza taghha. Qieghed nirreferi ghal Yvette Muscat."*

Jirrizulta wkoll, skond l-istess prosekuzzjoni, illi meta giet interrogata mill-Pulizija, fl-istqarrija hija: (fol 235-236)

> *"... ammettiet ukoll il-parti taghha x.kienet hi, fis-sens li hija fuq ordnijiet li kienu inghatawlha kienet irceviet flus minghand Trudy Testa u Mona Camilleri, zewgt imputati ohra, u dawn il-flus kienet ghaddiethom lil Raymond Borg, maghruf bhala 'Il-Borza', li jinsab arrestat stqarrija (Sqallija), qabel dana telaq Sqallija, qabel tela skuzi l-Olanda. Fil-fatt qalet ukoll illi hija dejjem agixxiet fuq ordnijiet specjalment li kellha minghand ir-ragel taghha Charles Muscat, imputat iehor f'din il-kawza."*

Jirrizulta illi dawna kienu r-ragunijiet illi wasslet lill-prosekuzzjoni tmexxi fil-konfront ta' l-akkuzata Yvette Muscat

### 5.2- TRUDY TESTA ILLUM CAMILLERI

Jirrizulta illi l-akkuzata **Trudy Testa** tigi mart Emanuel Camilleri, wiehed mill-persuni illi originalment kienu tressqu fil-Qorti fl-1 ta' Novembru 2002 bl-akkuzi fuq imsemmija u li eventwalment saret is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tieghu.

Jirrizulta illi l-prosekuzzjoni tikkontendi illi Trudy Testa kienet tircievi struzzjonijiet minghand ir-ragel taghha, Emanuel Camilleri, illi dak iz-zmien kien ic-Centru Korrettiv ta' Kordin, u hi kienet taghmel l-affarjiet illi kien jghidilha l-istess Emanuel Camilleri. Jirrizulta, di fatti, illi skond il-prosekuzzjoni, fix-xhieda ta' l-Ispettur Neil Harrison, jintqal illi (fol 214):

> *"Kienu jsiru kuntatti ukoll bejn il-persuni li kienu l-habs u l-familjari taghhom ukoll, specjalment rigward f'dan l-istadju rigward flus, fis-sena illi Emanuel Camilleri kien jikkuntattja dwar flus lil huh John Camilleri u lil Trudy Testa."*

L-istess prosekuzzjoni tkompli tghid: (fol 223)

> *"Fl-20 ta' April Raymond Borg u Fabio Psaila kienu avvicinaw persuna ohra sabiex dana jaghmel il-vjagg, sabiex imur Sqallija u jgibu d-droga permezz ta' karozza. Fil-fatt stajna nidentifikaw li dawn kienu avvicinaw lil Anthony Gatt, wiehed mill-imputati, u dan il-kuntatt kien sar tramite imputata ohra, Trudy Testa. Fil-fatt dan Anthony Gatt ma kienx ser imur hu Catania nnifsu, pero' kien ghamel arrangament ma' Carmen Armeni li tghix mieghu go l-Imqabba u ohtha Sylvana Bugeja, tigi oht Carmen Armeni li tghix il-Gharghur. Dawn anke kienu avvicinati minn Trudy Testa wkoll sabiex isir dan il-vjagg lejn Catania."*

Jirrizulta wkoll, skond l-istess prosekuzzjoni, illi meta giet interrogata mill-Pulizija, fl-istqarrija hija: (fol 235-236)

> *"...ammettiet l-involviment taghha specifikament billi hija kienet tircievi, irceviet xi flus minghand xi nies u anke ghaddiet xi flus in konnessjoni ma' dan il-kaz lil Yvette Muscat. Hija qalet ukoll li dejjem agixxiet b'ordnijiet li kellha minghand Emanuel Camilleri li huwa wiehed mill-imputati wkoll. Qalet ukoll ammettiet li hija kienet avvicinat lill Anthony Gatt, Carmen Armeni u Silvana Bugeja sabiex huma jaghmlu l-vjagg permezz tal-karozza taghhom lejn Catania ghall-Malta."*

Jirrizulta illi dawna kienu r-ragunijiet illi wasslet lill-prosekuzzjoni tmexxi fil-konfront ta' l-akkuzata Trudy Testa

## 5.3- <u>PIERRE CAMILLERI</u>

Jirrizulta illi l-akkuzat **Pierre Camilleri** jigi t-tifel ta' l-illum mejjet Mario Camilleri, wiehed mill-persuni illi originalment kienu tressqu fil-Qorti fl-1 ta' Novembru 2002 bl-akkuzi fuq imsemmija u li eventwalment saret is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tieghu.

Jirrizulta illi l-prosekuzzjoni tikkontendi illi Pierre Camilleri kien jircievi struzzjonijiet minghand missieru, Mario Camilleri, illi dak iz-zmien kien ic-Centru Korrettiv ta' Kordin, u hu kien jaghmel l-affarjiet illi kien jghidlu l-istess Mario Camilleri. Jirrizulta, di fatti, illi skond il-prosekuzzjoni, fix-xhieda ta' l-Ispettur Neil Harrison, jintqal illi (fol 214):

*"Kienu jsiru kuntatti ukoll bejn il-persuni li kienu l-habs u l-familjari taghhom ukoll, specjalment rigward f'dan l-istadju rigward flus, fis-sena illi Emanuel Camilleri kien jikkuntattja dwar flus lil huh John Camilleri u lil Trudy Testa. Joseph Sacco kien jikkuntattja lill Saviour Sacco, jigi n-neputi tieghu. Charles Muscat il-mara tieghu Yvette Muscat u Mario Camilleri lill-mara tieghu Mona Camilleri u lit-tifel tieghu Pierre Camilleri"*

Jirrizulta illi dawna kienu r-ragunijiet illi wasslet lill-prosekuzzjoni tmexxi fil-konfront ta' l-akkuzat Pierre Camilleri

## 5.4- CARMEN ARMENI

Jirrizulta illi l-akkuzata **Carmen Armeni** tigi l-partner ta' Anthony Gatt, wiehed mill-persuni illi originalment kienu tressqu fil-Qorti fl-1 ta' Novembru 2002 bl-akkuzi fuq imsemmija u li huwa akkuzat maghha fil-proceduri odjderni.

Jirrizulta illi l-prosekuzzjoni tikkontendi illi Carmen Armeni giet ikkuntattjata sabiex tnizzel id-droga minn Catania. Jirrizulta, di fatti, illi skond il-prosekuzzjoni, fix-xhieda ta' l-Ispettur Neil Harrison, jintqal illi (fol 223):

*"Fl-20 ta' April Raymond Borg u Fabio Psaila kienu avvicinaw persuna ohra sabiex dana jaghmel il-vjagg, sabiex imur Sqallija u jgibu d-droga permezz ta' karozza. Fil-fatt stajna nidentifikaw li dawn kienu avvicinaw lil Anthony Gatt, wiehed mill-imputati, u dan il-kuntatt kien sar tramite imputata ohra, Trudy Testa. Fil-fatt dan Anthony Gatt ma kienx ser imur hu Catania nnifsu, pero' kien ghamel arrangament ma' Carmen Armeni li tghix mieghu go l-Imqabba u ohtha Sylvana Bugeja, tigi oht Carmen Armeni li tghix il-Gharghur. Dawn anke kienu avvicinati minn Trudy Testa wkoll sabiex isir dan il-vjagg lejn Catania."*

Jirrizulta wkoll, skond l-istess prosekuzzjoni, din id-darba l-Ispettur Norbert Ciappara, illi meta giet interrogata mill-Pulizija, fl-istqarrija hija: (fol 247)

*"Armeni kien qed jirrizultali li kienet kienet accetat f'perjodu kienet accettat illi flimkien ma' ohtha Silvana Bugeja kellhom imorru Catania bil-karozza taghha Hyundai Excell registration number LAU-817. Hija qaltli illi, war li tajtha t-twissija li kellha dritt ma twiegeb ghall-ebda domandi li kont ser nghamillha, hija qaltli illi kienet avvicinata minn Trudy Testa, ghal habta ta' xi April, bidu t'April ta' din is-sena, fejn kienet qaltilha jekk kienetx lesta li tmur Catania iggib xi affarjiet. Qaltli li kienet qaltilha li l-affarjiet kellhom ikunu xi deheb u talli ggibhom kienet taqla ghaxart elef lira. Hi qaltli li kienet kelmet li partner taghha Anthony Gatt, fejn kompla hu bit-trattattivi ma' Trudy Testa kif kellu jsir it-tragitt bejn Malta u Sqallija u kienet anke kellmet lill ohtha Silvana, illi fil-bidu kienet qablet illi tmur. Sussegwentement hija wkoll ikkonfermatli illi ohtha Silvana Bugeja kienet telghet xi gimgha qabel ma kellu jsir dan it-tragitt, biex anke tara x'tip ta' sigurta' kien hemm fil-port ta' Catania."*

Jirrizulta illi dawna kienu r-ragunijiet illi wasslet lill-prosekuzzjoni tmexxi fil-konfront ta' l-akkuzata Carmen Armeni.

**5.5- <u>SYLVANA BUGEJA</u>**

Jirrizulta illi l-akkuzata **Sylvana Bugeja** tigi oht Carmen Armeni, wahda mill-persuni illi originalment kienu tressqu fil-Qorti fl-1 ta' Novembru 2002 bl-akkuzi fuq imsemmija u li huwa akkuzat maghha fil-proceduri odjderni.

Jirrizulta illi l-prosekuzzjoni tikkontendi illi Sylvana Bugeja giet ikkuntattjata sabiex tnizzel id-droga minn Catania. Jirrizulta, di fatti, illi skond il-prosekuzzjoni, fix-xhieda ta' l-Ispettur Neil Harrison, jintqal illi (fol 223):

> *"Fl-20 ta' April Raymond Borg u Fabio Psaila kienu avvicinaw persuna ohra sabiex dana jaghmel il-vjagg, sabiex imur Sqallija u jgibu d-droga permezz ta' karozza. Fil-fatt stajna nidentifikaw li dawn kienu avvicinaw lil Anthony Gatt, wiehed mill-imputati, u dan il-kuntatt kien sar tramite imputata ohra, Trudy Testa. Fil-fatt dan Anthony Gatt ma kienx ser imur hu Catania nnifsu, pero' kien ghamel arrangament ma' Carmen Armeni li tghix mieghu go l-Imqabba u ohtha Sylvana Bugeja, tigi oht Carmen Armeni li tghix il-Gharghur. Dawn anke kienu avvicinati minn Trudy Testa wkoll sabiex isir dan il-vjagg lejn Catania."*

Jirrizulta wkoll, skond l-istess prosekuzzjoni, din id-darba l-Ispettur Norbert Ciappara, illi meta giet interrogata mill-Pulizija, fl-istqarrija hija: (fol 248)

> *"Bazikament Silvana Bugeja kkonfermat anke dak likienet qaltli ohtha Carmen Armeni illi kienet giet avvicinata minn Carmen u minn Anthony Gatt sabiex jaghmlu dan it-tragitt bejn Malta u Sqallija bil-karozza ta' Carmen. Hija qaltli wkoll illi l-ewwel ma qalulha illi l-affarjiet li kellhom jingiebu Malta kellhom ikunu deheb pero hi stess qaltli li sussegwentement meta kienet marret hi stess Catania u rat is-sigurta', kienet iffurmat l-opinjoni illi l-affarjiet li kellhom igibu setghu ma kienux deheb izda setghu kienu droga. Hija kkonfermat ukoll illi kienet saret laqgha bejn Raymond Borg u Fabio Psaila u Anthony Gatt, fejn kien hemm prezenti anke hi, fejn gie diskuss kif kellu jigi u jsir dan it-trip biex tidahhal id-droga f'Malta. Hija kienet qaltli wkoll illi l-flus li kellhom jiehdu, l-ghaxart elef Lira, kellhom jitqassmu, erbat elef hi, erbat elef ohta u elfejn lira Anthony Gatt. Hija qaltli ukoll li meta kienu ltaqghu l-Marsa ma' Raymond u Fabio hi kienet staqsietu min kien ser jaghmel tajjeb kieku kellhom jinqabdu pero kienet baqghet bla risposta."*

Jirrizulta illi dawna kienu r-ragunijiet illi wasslet lill-prosekuzzjoni tmexxi fil-konfront ta' l-akkuzata Sylvana Bugeja.

**5.6 –** **<u>JUMA SAID KARFOOSH</u>**

Jirrizulta illi l-akkuzat **Juma Said Karfoosh**, li huwa mechanic, kien qed jigi allegat illi ghamel xogholijiet ta' alterazzjoni fil-vettura Hyndai Excel LAU-817 propjeta ta' Carmen Armeni.

Jirrizulta illi l-prosekuzzjoni, fix-xhieda ta' l-Ispettur Neil Harrison, jintqal illi (fol 224):

> *"Fil-fatt dawna kieney accettaw li jitilghu b'karozza lejn Catania. Fil-fatt gie stabbilit li l-karozza li kellhom jitilghu biha kienet Hyundai Excell bin-numru ta' registrazzjoni LAU-817. Fil fatt aktar tard ukoll saru modifiki fuq it-tank tal-petyrol ta' din il-vettura, fis-sens bejn it-tank tal-petrol u l-qieghd tal-karozza. Mat-tank kien twahhal xi kompartment, li meta thares minn naha ta taht tal-karozza ma jkunx jidher dan il-kompartament. Komprtament zghir li fih setght tinheba d-droga li kienet mohbija f'Catania. Fil-fatt kien sar dan il-modifiku ghat-tank f'din il-karozza minn persuna Gharbija, gie identifikat, li huwa Guma Karfuz."*

Il-prosekuzzjoni tkompli tghid:

> *"Fil-fatt fis-26 ta' April ta' din is-sena ghall-habta tal-hamsa ta filghaxija, gbidna filmat ukoll tal-istess karozza Hyundai Excell LAU-817 li kienet ipparkjata fi Triq Hal Qormi, barra garage. Fil-fatt din il-karozza kienet iffilmjata. Hin minnhom jidher l-imputat Guma Ksarfuz gej b'tank f'idu, serrhu mal-vettura, fetah il-but wara, paggieh wara u aktar tard, bl-ghanuna ta' xi nies li kienu fl-inhawi l-karozza giet imbuttata fil-garage ta' mekkanik. Jidher li l-garage ma kien hemm hadd. Wara li giet imbuttata inghalaq l-bieb. U madwar xi tlett kwarti siegha,bejn wiehed u iehor il-karozza nharget barra u nstaqet minn dan il-persuna, l-akkuzat Guma stess. Fil-fatt irrid nghid li fil-frattempt Guma kien osservat gej b'landa bil-petrol,minn pompa tal-petrol vicin u dieher fil-garage biha. Aktar tard konna ffolowjajna lil Guma u deher jiltaqa ma vettura KID-999, minix cert min-numru, li hija l-karozza ta' Silvana Bugeja, dawn iltaqghu, iltaqa' maghhom Guma."*

Jirrizulta wkoll, skond l-istess prosekuzzjoni, illi meta gie interrogata mill-Pulizija, fl-istqarrija huwa (fol 235)

> *"...ammetta l-involviment tieghu fis-sens, kif huwa kien avvicinat sabiex jaghmel xi alterazzjonjiet ma dan it-tank. Fil-fatt mhux u nniffsu ghamel alterazzjonijiet pero hadu ghand haddiehor, haddiehor ma kienx jaf ghalxiex kienu dawn l-alterazzjonijiet ghat-tank, pero qal li huwa ammetta li kien qala' t-tank u rega wahhlu bl-alterazzjonijiet u ammetta wkoll li kien jaf ghalfejn saru dawn l-alterazzjonijiet ma dan it-tank."*

Jirrizulta illi dawna kienu r-ragunijiet illi wasslet lill-prosekuzzjoni tmexxi fil-konfront ta' l-akkuzat Juma Said Karfoosh

**5.7 –** **SUZANNE ABELA**

Jirrizulta illi l-akkuzata **Suzanne Abela** fiz-zmien kellha relazzjoni ma' Emanuel Camilleri, wiehed mill-persuni illi originalment kienu tressqu fil-Qorti fl-1 ta' Novembru 2002 bl-akkuzi fuq imsemmija u li eventwalment saret is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tieghu.

Jirrizulta illi l-prosekuzzjoni tikkontendi illi Suzanne Abela giet ikkuntattjata minn Emanuel Camilleri sabiex ittella xi flus gewwa l-Olanda.

Jirrizulta wkoll, skond l-istess prosekuzzjoni, fix-xhieda ta' l-Ispettur Neil Harrison, illi meta giet interrogata mill-Pulizija, fl-istqarrija hija: (fol 239 - 240)

> *"Suzanne Camilleri (Abela) qalet illi ghamlet xi zmien tohrog xi way back 94/95 kienet tohrog ma' Emanuel Camilleri, imputat f'din il-kawza u hija kienet avvicinata minnu aktar minn darba sabiex ittella xi flux sabiex tingieb id-droga f'Malta. Fil-fatt qalet illi f'zewgt okkazzjonijeit ohra qabel wahda fn-1996 u l-ohra f'Gunju tas-sena 2000 hija kienet tellghet xi flus fuq struzzjonjiet ta' Emanuel Camilleri, flus kontanti, eluf, eluf, eluf ta' liri semmiethom fl-istqarrija taghha u dawn ghaddhiethom lis-supplier gewwa l-Olanda fuq struzzjonijiet ta' Emanuel Camilleri. Qalet ukoll li taf jew kienet tissuspetta li l-flus kienu ghad-droga u qalet li dan il-persuna fl-Olanda kien imur jistenniha l-Airport, taghtih il-flus, anke semmiet kienet tiltaqa' mieghu imbghad imorru f'lukanda fejn tghaddilu l-flus perio hi minn naha taghhha ttella l-flus u qatt ma gabet droga f'Malta. Fil-fatt qalet illi ghal habta ta' xi Aprl Mejju ... kien kellimha Emanuel Camilleri, kien cempillha u cemplitlu lura fuq mobile phone. Hija kienet taf li kien qieghed il-0habs, u talabha wkoll illi tmur Catania u tnizzel id-droga. Hija m'accettatx li ggib id-droga, biss accettat li ttella xi flus bhas-soltu, pero m'accettatx li ggib id-droga, pero' biss li ttella l-flus sabiex tinxtara d-droga."*

Jirrizulta illi dawna kienu r-ragunijiet illi wasslet lill-prosekuzzjoni tmexxi fil-konfront ta' l-akkuzata Suzanne Abela.

**5.8 –** **ALBERT BUGEJA**

Jirrizulta illi l-akkuzat **Albert Bugeja** huwa hu Alfred Bugeja, wiehed mill-persuni illi originalment kienu tressqu fil-Qorti fl-1 ta' Novembru 2002 bl-akkuzi fuq imsemmija u li eventwalment saret is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tieghu.

Jirrizulta illi l-prosekuzzjoni, fix-xhieda ta' l-Ispettur Neil Harrison, jintqal illi (fol 213):

> *"Fil-fatt l-ewwel nies, mill-informazzjoni li ghandna ahna u mill-provi li ghandna li gew, fil-fatt kif kont qed nghid l-ewwel persuni li dahlu fix-xena li kienu ser jaghmlu, jtellghu l-flus l-Olanda u jnizzluhom, dahlu fix-xena, kien ikkuntattjat Alfred Bugeja li minn naha tieghu kien dahhal fix-sena, dahhal fix-xena, kkuntattja lill huh Albert Bugeja, dan kien f'Jannar ta' dina is-sena. Pero*

*bdew ghaddejjin il-granet u l-gimghat u Alfred Bugeja gie mwarrab minn dina l-operazzjoni kif ukoll s'intendi huh Albert Bugeja."*

Jirrizulta wkoll, skond l-istess prosekuzzjoni, illi meta gie interrogat mill-Pulizija, fl-istqarrija huwa (fol 241)

*"...jiftakar li kien approwcjat minn huh Alfred Bugeja, kien mar jarah il-Hadd filghodu, u qallu illi kien hemm il-habs certu Emanuel Camilleri u dan kien ser igib xi droga minn barra minn Malta. Qal ukoll li huh Fredu kien accetta li jibghat lilu bil-flus biha l-Italia fil-fatt ma kienx ser igid droga perio kien ser jibghatu l-Italia biex lil Leli jisraqilhom il-flus billi jghidilhom illi kienu serqulu l-vanbil-flus b'kollox gewwa l-Italia. Hu kien accetta ma huh li jaghmel dan. Hu qal li l-flus, l-ammont li kien issemma ta' flus li kien ser johrog leli sabiex tingieb id-droga kien madwar erbghin elf Lura Maltin. Taghhom kien ser jiehu, Albert Bugeja kien ser jiehu elf Lira ghall-ispejjez u affarjiet ohra."*

Jirrizulta illi dawna kienu r-ragunijiet illi wasslet lill-prosekuzzjoni tmexxi fil-konfront ta' l-akkuzat Albert Bugeja.

## 6. <u>SINTESI TAL-PROVI IMRESSQA MILL-PROSEKUZZJONI</u>

Jirrizulta illi, tul is-sebgha snin bejn meta tressqu inizijjalment taht arrest l-akkuzat fl-1 ta' Novembru 2002 sad-data meta nhargu l-akkuzi fuq imsemmija fil 15 ta' Ottubru 2009, il-prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda li, in succint, xehdu kif gej:

**Ispettur Neil Harrison**: (Vol 1 – fol 212) - xehed fid-dettal dwar il-fatti kollha relatati mal-investigazzjoni kollha illi eventwalment wasslet ghall arrest ta' Raymond Borg u Fabio Psaila gewwa Catania u ghall-arrest ta' diversi persuni ohra, fosthom tal-akkuzati kollha ki fukoll l-involviment tieghu fl-interrogazzjoni ta' uhud mill-persuni arrestati.

**Ispettur Norbert Ciappara** (Vol 1 – fol 245) – xehed fid-dettal dwar l-involviment tieghu fl-interrogazzjoni tal-varji persuni involuti u arrestati waqt l-investigazzjoni.

**Saviour Sacco** (Vol 1 – fol 262) – xehed illi ghadda Lm7,000 li kienu dovuti lill Joseph Sacco lill persuna illi ma kienx jaf min hi u ma jafx fejn mar.

**Herbert Agius** (Vol 1 – fol 257 u 278) – bhala Kap tas-Servizzi tas-Sigurta, fuq ordni tal-Qorti, esebixxa kopja tal-Mandati mahruga biex isiru l-intercettazzjonijiet telefonici illi gew esebiti l-Qorti.

**Joseph Sacco** (Vol 2 – fol 293) – maghruf bhala Joey jew Peppy is-Singis, xehed illi kien issellef Lm8,000 minghand Emanuel Camilleri u li Saviour Sacco kellu jaghtih Lm7,000 u meta dana Saviour Sacco, li huwa n-neputi tieghu, qallu li kellu l-flus biex ihallsu lura, huwa qallu biex jghaddihom lill Emanuel Camilleri, illi lilu Joseph Sacco kellu jaghti l-flus, filwaqt illi insista ma kellu x'jaqsam xejn max-xiri u importazzjoni ta' droga.

**Helen Bugeja** (Vol 2 – fol 308) – ghazlet illi ma tixhidx

**Carmelo Saliba** (Vol 2 – fol 309) – illi kien jahdem ma' John Camilleri, xehed illi ghandu "Van Toyota tal-Japan" tal-kulur blu izda li ma jiftakarx in-numru tar-registrazzjoni filwaqt illi sahaq illi ma jiftakarx imur Wied iz-Zurrieq bil-vann fis 27 ta' Frar 2002 kif allegaw il-prosekuzzjoni.

**Wilhelmina Chetcuti** (Vol 2 – fol 320) – ghazlet illi ma tixhidx.

**Charmaine Camileri** (Vol 2 – fol 321) – ghazlet illi ma tixhidx

**Joseph Bone** (Vol 2 – fol 322) – ghazel illi ma jixhidx

**Raymond Magri** (Vol 2 – fol 324) – xehed illi ghandu hanut confectionary maghruf bhaala 'Johnnie's Confectionary' il-Belt Valletta izda ma riedx jixhed dwar jekk sifirx f'April u Mejju as-sena 2002.

**Edwina Trabelsi** (Vol 2 – fol 327) – xehdet illi kienet taf lill Raymond Borg, maghruf bhala Il-Borza, illi mieghu kellha relazzjoni u li darba minnhom qalilha sabiex titla tiltaqa mieghu Catana bil-karozza taghha u kien ser jaghtiha Lm5,000, izda huwa qatt ma ghaddhielha l-flus u ghalhekk qatt ma marret Catania, liema mawra hija stqarret illi hasbet kienet sabiex tixtri l-hwejjeg, izda li qatt ma mmaterializzat.

**Sabrina Chisari** (Vol 2 – fol 333) – ghazlet illi ma tixhidx.

**Christian Bugeja** (Vol 2 – fol 336) - ghazel illi ma jixhidx.

**PC 1013 Raymond Debono** (Vol 2 – fol 351) – xehed li ghamel is-segwenti:

- Osservazzjonijiet fit 3 ta' April 2002 fejn gibed filmat barra r-residenza ta' Yvette Muscat fejn ra vettura misjuqa minn Raymond Borg tieqaf barra d-dar taghha u, wara li cempel, harget u taghtu "pakkett abjad".
- Tfittxija fir-residenza ta' Daniel Bonnici.

**PC 579 Antoine Micallef** (Vol 2 – fol 354) – xehed li ghamel is-segwenti:

- Tfixxija fir-residenza ta' Joseph Sacco
- Tfixxija fir-residenza ta' Sue Abela

**WPC 119 Cynthia Camilleri** (Vol 2 – fol 356) – xehdet li kienet xhud ta' stqarrija ta' Sue Abela, Emanuela sive Mona Camilleri, Albert Bugeja, Sylvana Bugeja.

**PC 533 Ryan Pace** (Vol 2 – fol 362) – xehed li kien eleva xi oggetti minghand Yvette Muscat u Sylvabna Bugeja.

**PC 23 Stefan Calleja** (Vol 2 – fol 364) – xehed li kien eleva xi oggeti minn Raymond Magri.

**PC 102 Anthony Portelli** (Vol 2 – fol 366) – xehed illi ghamel tfittxija fir-residenza ta' Sylvana Bugeja f'Ghawdex.

**PC 599 Clive John Mangion** (Vol 2 – fol 368) – xehed li kien xhud ta' stqarrija ta' Mario Camilleri u li eleva xi oggetti mir-residenza ta' Romeo Bone

**PC 536 Jason Caruana** (Vol 2 – fol 371) – xehed li kien xhud ta' stqarrija ta' Charles Steven Muscat, ta' Emanuel Camilleri, ta' John Camilleri, ta' Romeo Bone u illi kien ghamel is-segwenti:-

- Osservazzjonijiet fit 3 ta' April 2002 fejn gibed filmat hdejn il-Habs Kordin ta' Raymond Borg u Romeo Borg hergin minn hemm u sejjrin go hanut it-Tarxien bl-isem ta' Franwell.
- Osservazzjonijiet fit-8 ta' April 2002 fejn gibet filmat fl-inhawi ta' ta' Xbiex fejn ra lil Noel Borg, Isaac Chetcuti u Daniel Bonnici jiltaqghu flimkien.
- Tfittxija fuq Anthony Gatt u eleva mobile minn fuqu
- Tfittxija fir-residenza ta' Noel Borg go Bahar ic-Caghaq
- Tftixxija fir-residenza ta' Isaac Chetcuti go Tas-Sliema fejn eleva mobile, bicca raza tal-kannabis u zewgt boroz zghar b'xi zerriegha. (Dok NH8)
- Tfixxija fir-residenza ta' John Camilleri fejn eleva mobile
- Osservazzjonijiet fid 29 u 30 ta' Mejju 2002 flimkien mal-Pulizija Taljana gewwa Catana fejn gew eventwalment arrestati Raymond Borg u Fabio Psaila

**PC 10 Trevor Cassa Mallia** (Vol 2 – fol 383) – xehed li kien xhud ta' stqarrija ta' Isaac Chetcuti, u illi ghamel is-segwenti:

- Osservazzjoni fis 27 ta' Frar 2002 fejn gibet filmat fejn ra lill Romeo Bone jiltaqa' ta' Raymond Borg barra l-Habs Kordin u ra lill-istess Romeo Bone u Raymond Borg jiltaqghu gewwa l-car park ta' wied iz-Zurrieq jiltaqghu van ma van ma' John Camilleri u Karmenu Saliba.
- Osservazzjoni fil 25 ta' Marzu 2002 fejn gibet filmat fejn ra lill Romeo Bone jigbor lill Raymond Borg mid-dar tieghu u jmorru gewwa l-hanut Franwell go Hal Tarxien.
- Tfixxija f'garage ta' Noel Borg l-Qawra fejn eleva speed boat.

**PC 213 Nicholai Borg** (Vol 2 – fol 389) – xehed illi kien xhud ta' stqarrija ta' Juma Kalifah u ghamel is-segwenti:

- Osservazzjonijiet fis-26 ta' April 2002 u gibed filmat fejn ra il-vettura Hyundai bajda LAU 817 gewwa Triq Santa Katarina, Qormi, barra garage ta' Juma Kalifah u ra lill-istess Juma Kalifah igorr tant tal-petrol, jitfghu gol bagolla tal-vetura LAU 817, jimbutta l-vettura gewwa l-garage tieghu bl-assistenza ta' terzi u bexxaq il-bieb tal-garage. Eventwalment, siegha wara, hareg il-vettura mill-garage u saq lejn il-Marsa fejn iltaqa' ma' zewgt nisa go Renault Clio KID 099.
- Tfixxija fir-residenza ta' Carmen Armeni
- Tfixxija fir-residenza ta' Monique Borg
- Tfixxija fir-residenza ta' Joseph Sacco
- Tfixxija fir-residenza ta' Isaac Chetcuti
- Tfixxija fil-hanut ta' Raymond Magri
- Tfixxija fir-residenza Ghawdex ta' Sylvana Bugeja
- Tficcija fir-residenza ta' Joseph Bone

**PS 1086 Johan Micallef** (Vol 2 – fol 395) – xehed illi kien xhud ta' stqarrija ta' Daniel Bonnici u ghamel is-segwenti:

- Tfixxija fir-residenza ta' Trudy Testa
- Tfixxija fir-residenza ta' Romeo Bone

**PC 1183 Oliver Borg** (Vol 2 – fol 402) – xehed illi kien xhud ta' stqarrija ta' Emanuel sive Noel Borg, Pierre Camilleri, u li ghamel is-segwenti:

- Tfixxija fir-residenza ta' Anthony Gatt
- Tfixxija fir-residenza ta' Daniel Bonnici
- Tfixxija fil-hanut ta' Raymond Magri
- Elevazzjoni ta' dghajsa ta' Noel Borg u Daniel Bonnici
- Tfixxija fir-residenza ta' Trudy Testa

**PC 951 Joseph Tonna** (Vol 2 – fol 419) – xehed li kien xhud ta' stqarrija ta' Anthony Gatt, Alfred Bugeja.

**PC 1574 Renato Cremona** (Vol 2 – fol 422) – xehed illi kien involut fit-tfixxija fir-residenza ta' Daniel Bonnici

**PC 706 Norman Cremona** (Vol 2 – fol 424) – xehed illi kien involut fit-tfixxija fir-residenza ta' Isaac Chetcuti

**WPC 86 Diane Fenech** (Vol 2 – fol 426) – xehdet illi kienet xhud ta' stqarrija ta' Carmen Armeni.

**WPC 105 Amanda Xuereb** (Vol 2 – fol 426) – xehdet illi kienet xhud ta' stqarrija ta' Trudy Testa.

**PS 1044 Gordon Calleja** (Vol 2 – fol 431) – xehed illi kien involut fix-tiffixja u arrest ta' Carmen Armeni, Juma Karfush u Anthony Gatt.

**PS 368 Stephen Monreal** (Vol 2 – fol 434) – xehed illi kien involut fit-tfixxija u arrest ta' Anthony Gatt u Juma Karfush.

**Monique Borg** (Vol 2 – fol 436) – ghazlet illi ma tixhidx.

**WPC 158 Joanne Zammit** (Vol 2 – fol 493) – xehdet illi kienet xhud ta' stqarrija ta' Yvette Muscat.

**WPC 45 Marisa Bartolo** (Vol 2 – fol 515) – xehdet illi ghamlet tfixxija fuq Romeo Bone, Sabrina Cisari, Monique Borg, Wilhemina Chetcuti, Juma Karfoush, Carmen Armeni, Trudy Testa u Charmaine Camilleri.

**Alphonse Cauchi**, (Vol 2 – fol 524) – bhala Head of Security tal-Air Malta xehed dwar is-segwenti:

- Zewgt biljetti ta' safar ta' Romeo Bone u Raymond Borg ghal Brussels fit 28 ta' Frar 2002.

- Biljett ta' safar ta' Raymond Magri gal Brussels fit 3 ta' Marzu 2002.
- Tlett biljetti ta' safar ta' Romeo Bone, Raymond Borg u Raymond Magri minn Brussels ghal Malta fis 7 ta' Marzu 2002.
- Zewgt biljetti ta' safar ta' Romeo Bone u Raymond Borg ghal Ruma fl 4 ta' April 2002.
- Biljett ta' safar ta' Sabrina Chisari ghal Catania fit 8 ta' April 2002.
- Zewgt biljetti ta' safar ta' Raymond Borg u Fabio Psaila ghal Catania fit 30 ta' Mejju 2002.
- Biljett ta' safar ta' Fabio Psaila ghal Catania fl-10 ta' April 2002
- Erbgha biljetti ta' safar ta' Sabrina Chisari, Fabio Psaila, Romeo Bone u Raymond Borg minn Catania ghal Malta fl-10 ta' April 2002.

**Keith Murphy** (Vol 2 – fol 528) – bhala impjegat tal-Virtu Ferries xehed dwar lista ta' passiggieri lejn Italia u minn Italia fis 27 ta' April 2002.

**Wilfrid Agius** (Vol 2 – fol 531) – bhala Assistent Manager tac-Centru Korrettiv ta' Kordin xehed dwar lista ta' telephones illi nstabu gewwa l-habs bejn l-1 ta' Dicembru 2001 u t-30 ta' Gunju 2002.

**Brian Farrugia** (Vol 2 – fol 534) – bhala rappresentant tad-Direttur tal-Licenzji xehed dwar vetturi u qal is-segwenti:

- Il-vettura Hyndai Excel LAU 817 tghajjat lill Carmen Armeni
- Il-vettura Alfa Romeo ZAC 005 tghajjat lill Francis Chetcuti
- Il-vettura Ford Escort LAM 363 tghajjat lill Michelangelko Grima
- Il-vettura Renalt Clio KID 099 tghajjat lill Joseph Camilleri
- Il-vettura Ford Orion CAF 239 tghajjat lill Mary Francis Vella

**L-ispizjar Mario Mifsud** (Vol 2 – fol 540) – bhala espert tal-Qorti ghamel analazi fuq zewgt sigaretti u blokka kannella tas-sustanza kannella u kkonferma li nstabu tracci ta' TCH fiz-zewgt sigaretti u anke fil-blokka u ppresenta rapport (Vol 15 – fol 4066 – 4075).

**Joseph Zammit** (Vol 2 – fol 542) – bhala espert tal-Qorti ghamel investigazzjoni fuq il-vettura LAU-817) u ppresenta rapport (Vol 15 – fol 4079 sa 4108) u eventwalment (Vol 3 – fol 600) ivvaluta l-vettura fis-somma ta' Lm1,200.

**PL Noel Scerri** (Vol 2 – fol 544) – bhala rappresentant tal-Maltacom, ippresenta informazzjoni dwar tnax-il numru tat-telephone bhala 'cardphones' u dsatax-il numru tat-telephone cellulari.

**Claire Cassar** (Vol 2 – fol 546) – bhala rappresentant tal-Vodafone, ippresentat informazzjoni dwar erbgha u hamsin numru tat-telefone cellulari.

**Spettur Neville Aquilina** (Vol 3 – fol 569) – bhala Pulizija stazzjonat gewwa c-Centru Korrettiv ta' Kordin esebixxa 'mobile phones' elevati mill-habs minn fuq Charles Muscat, Emanuel Camilleri u Mario Camilleri.

**Dr Veronica Aquilina** (Vol 3 – fol 659) – bhala espert imqabbda mill-Qorti sabiex taghmel inventarju tal-assi tal-imputati kollha, esebiet ir-rapport taghha (fol 661 sa 1486).

**Martin Bajada** (Vol 7 - fol 1616) – bhala espert tal-Qorti biex jezamina mobile phones u sim cards b'digriet datat 3 ta' Frar 2004, esebixxa r-relazzjoni tieghu.

## 7. SINTESI TAL-PROVI MRESSQA MID-DIFIZA

Jirrizulta illi, tul is-sebgha snin bejn meta gew ppresentati l-akkuzi fil-15 ta' Ottubru 2009 sa meta l-kawza giet differita fis-sbatax ta' Mejju 2016, id-difiza ressqet is-segwenti xhieda li, in succint, xehdu kif gej:

**Yvette Muscat** (Vol 29 – fol 8026) – bhala akkuzata illi qalet li hi mizzewga lill Charles Stephen Muscat u ghandha tlett it-tfal li filwaqt li kkonfermat li r-ragel taghha, li kien il-habs, qalilha biex taghti xi flus lill Raymond Borg maghruf bhala 'Il-Borza', hija ma kellha ebda idea ghal xiex tali flus kienu qed jinghaddew u qatt ma kienet taf illi kienu in konnessjoni ma' drogi.

**Stephen Muscat** (Vol 29 – fol 8038) – xehed illi huwa jigi r-ragel ta' Yvette Muscat u kien ilu l-habs mill-1994. Stqarr illi hu kellu vizzju tal-loghob u kien jilghab hafna flus u fis-sena 2002 kif laghab Lm10,000 f'loghba tal-World Cup tal-Football u, wara illi tilifhom, cempel lill martu biex tmur thallashom. L-istess kien jaghmel meta jitlef il-flus u jghid lill Raymond Borg, li kellu jaghtih il-flus, biex imur ihallashom ghalih. Huwa kkonferma illi qatt ma qal lill-martu li l-flus kienu relatati mad-droga, ghax il-flus kienu relatati ma' loghob tal-azzard.

**Carmen Armeni** (Vol 29 – fol 8045) – kkonfermat il-kontenut ta' l-istqarrija u sahqet illi hi u ohtha, Sylvana Bugeja, kienu dejjem taht l-impressjoni illi kienu ser inizzlu deheb u mhux droga. Kkonfermat illi Giuma Kharfoush kien ser jghamillha kaxxa biex tpoggi d-deheb, izda tali kaxxa ma saritx. Kkonfermat illi meta bdew jissuspettaw illi setghua kien hemm drogi involuti, huma ma riedux ikunu jafu.

**Adrian Caruana Scicluna** (Vol 29 – fol 8015) – xehed illi huwa kien ir-ragel ta' Sue Abela u illi hi titkellem u tifhem bl-Ingliz ghax twieldet u ghexet l-Awstralia u ftit tifhem bil-Malti.

**Roxanne Caruana Scicluna** (Vol 29 – fol 8152) – xehdet illi hija tigi bint Sue Abela u kkonfermat illi ommha titkellem u tifhem bl-Ingliz u l-gharfien taghha tal-Malti huwa limitat.

**Joanne Attard** (Vol 29 – fol 8154) – xehdet illi ilha taf lill Sue Abela mis-sena 1997 u taf illi titkellem u tifhem biss bl-Ingliz.

**Julian Pace Bonello** (Vol 29 – fol 8159) – xehed illi ilu jaf lill Sue Abela hamsa u ghoxrin sena u kkonferma li titkellem u tifhem principalment bl-Ingliz.

**Melissa Anastasi** (Vol 29 – fol 8162) – xehdet illi hi tigi oht Sue Abela u kkonfermat li titkellem u tifhem principalment bl-Ingliz.

**Sylvana Armeni** (Vol 29 – fol 8191) – ghazlet li ma tixhidx.

**Pierre Camilleri** (Vol 29 – fol 8198) – xehed illi huwa jigi t-tifel ta’ Mario Camilleri, li kien wiehed mill-persuni akkuzati, u stqarr illi kien jibza minn missieru u ma riedx illi jiggieled mieghu, u ghalhekk kull ma kien jistaqsieh, huwa kien jghidlu ‘iva’ sabiex joqghod kwiet. Jikkonferma illi kien jaf illi kienu gejjin erbgha boroz ta’ drogi, imma ma kienx jaf min kien attwalment qed igibhom dawn l-affarjiet u ma kien involut f’xejn.

**Trudy Testa illum Camilleri** (Vol 29 – fol 8203) – xehdet illi hija tigi mart Emanuel Camilleri, wiehed mill-akkuzati illi tressqu fl-1 ta’ Novembru 2002, u r-ragel taghha kien il-habs u dejjem icemplilha sabiex taqdih f’xi affarjiet illi ried hu. Qalet illi Carmen Armeni kienet tmur id-dar taghhom tnaddaf u, mument minnhom, taf illi ir-ragel taghha kellem lill Carmen Armeni u Armeni qaltilha illi kienu telghin barra minn Malta biex igibu ftit deheb. Hi tistqarr ukoll illi darba minnhom cempillna Emanuel Camilleri u qalilha sabiex tigbor xi flus minghand Mona Camilleri, liema flus kellhom x’jaqsmu ma’ flat illi l-istess Emanuel Camilleri kellu u li kien f’isem Mario Camilleri, ir-ragel ta’ Mona Camilleri. Emanuel Camilleri imbghad qalilha sabiex jiehu l-flus lill Yvette Muscat, il-mara ta’ Charles Muscat. Hija tinsisti illi qatt ma kienet tax illi tali flus kellhom x’jaqsmu ma’ xi importazzjoni ta’ droga.

**Emanuel Camilleri** (Vol 29 – fol 8227) – xehed illi huwa jigi r-ragel ta’ Trudy Testa illum Camilleri u, waqt illi kien il-habs, kien icempel lill Trudy sabiex tigborlu flus minn nies kif ukoll sabiex tehodlu flus lill nies. Insista illi huwa qatt ma qal lill Trudy ghal xiex kienu qed jintuzaw tali flejjes u hi qatt ma kienet taf bil-pjan illi jdahhlu d-drogi, liema pjan, skond Emanuel Camilleri, kien sar bejnu u bejn Charles Muscat u Joseph Sacco flimkien ma’ Mario Camilleri li pprovda l-ghajnuna finanzjarja. Insista illi kemm Trudy Testa kif ukoll in-nisa kollha l-ohra ma kienu jafu b’xejn dwar dana il-pjan taghhom illi jdahhlu d-drogi.

## 8. KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR AMMISSIBILTA’ TA’ CERTA PROVI

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjoni taghha dwar l-fatti tal-kaz kif jirrizultaw mill-provi illi tista tgharbel, huwa mehtieg illi dina l-Qorti tikkunsidra, fil-qosor, il-validita’ o meno tal-varji provi illi tressqu quddiemha, kemm fi stadju Istruttorja kif ukoll fl-istadju ta’ Gudikatura. Dana qieghed jinghad ghax, fid-dokumentazzjoni kopjuza inkluza fil-process tal-kawza odjerna hemm ix-xhieda kollha prodotta fl-Istruttorja, li hija certament ammissibbli stante illi migbura quddiem Qorti, kif ukoll l-istqarrijiet ta’ l-imputat u ta’ persuni ohra illi kienu gew flimkien mieghu akkuzati u intercettazzjonijiet telefonici illi saru, fost nies ohra, lill-akkuzat stess, illi l-ammissibbilta’ da dawna z-zewgt tipi ta’ provi kienet soggetta ghall-varji interpretazzjonjiet mil-Qrati, kemm nostrani kif ukoll esteri.

### 8.1 - L-ammissibilita` w il-valur probatorju tal-istqarrija tal-imputati

L-ewwel kwistjoni illi ser tikkunsidra l-Qorti tikkoncerna l-ammissibilita` tal-istqarrija tal-imputati u ta’ dak kollu li l-Pulizija Ezekuttiva tista’ tixhed dwaru abbazi ta’ dak li l-imputat seta’ qal verbalment lill-ufficjali tal-Pulizija waqt li huwa kien qieghed jigi nvestigat u nterrogat.

Jirrizulta illi l-imputat, flimkien ma' akkuzati ohra, irrilaxxja stqarrija lill-pulizija, fil-kors tal-investigazzjoni taghha, liema stqarrija inghatat fis 7 ta' Awissu 2002, vide fol 3025, u ghalhekk fi zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tipprovdi ghal assistenza legali qabel l-interrogatorju mill-pulizija ta' persuna suspettata. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010 permezz ta' l-Avviz Legali 35/2010.

Il-Qorti tosserva illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg v. Malta**, gie ritenut hekk:

> "*1. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*
>
> *"2. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).*
>
> *"3. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).*
>
> *"....*
>
> *"4. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*
>
> *"5. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of*

*police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*"6. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention."*

Jirrizulta illi, sussegwentement, fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri**, fejn l-appellant ikkontesta l-ammissibilita` tal-istqarrija rilaxxjata minnu fis-sena 2002, stante illi l-ligi ma kinitx tipprovdilu d-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju tieghu, il-Qorti wara li rreferiet fit-tul ghas-sentenza appena citata u rreferiet ukoll ghall-kaz ta' **Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs Ukraine**, deciz fit-13 ta' Gunju 2014, qalet hekk:

"*... allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma' l-artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma ikunx hemm disposizzjoni ad hoc li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li isehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma ikun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Navone vs Monaco, nstab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta' l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kenitx tippermettieha. (ara ukoll Yesilkaya vs Turkey – 59780/00 08/12/2009, Fazli Kaya vs Turkey – 24820/05 17/09/2015).*

*Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6(3) u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma' avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u id-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed.*"

L-istess Qorti tal-Appell Kriminali kompliet hekk:

"*Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju kontra l-appellanti illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra il-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq tal-persuna akkuzata. Fil-fatt dan il-jedd gie indikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz Dimech vs Malta fejn f'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setatx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma intemmux, madanakollu sahhqet:*

***".... it cannot be entirely excluded that the courts of criminal jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal assistance during pre-trial stage not***

***been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the courts of criminal jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."***

Jirrizulta illi, f'dan il-kaz, il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset illi ghalkemm l-appellant ma wegibx ghad-domandi kollha li kienu sarulu fil-kors tal-interrogatorju tieghu, huwa kien wiegeb ghal xi domandi li gew ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-htija tal-istess appellant. Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-dawl tad-decizjonijiet minnha citati, dan ma setax isir u ghaldaqstant iddecidiet illi tiskarta l-istqarrija tal-appellant bhala prova.

Fis-sentenza taghha tas-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Cortis**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qablet pjenament mas-sentenza appena citata u ghaddiet biex tiskarta l-kontenut tal-istqarrija tal-appellant rilaxxjata minnu f'Mejju tas-sena 2005 "*u dan fuq il-premessa illi ma kellux il-beneficcju tal-assistenza legali waqt li mizmum taht arrest minkejja li l-ligi vigenti f'dak iz-zmien kienet teskludi l-jedd ghal tali assistenza*".

Finalment, fis-sentenza taghha tal-1 ta' Dicembru 2016, fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), wara li ghamlet referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem **Borg vs Malta**, fuq citata, qalet hekk:

"*8. Following this judgement, our Constitutional Court has once again considered the issue on a number of occasions In **Carmel Saliba vs L-Avukat Ġenerali** decided by the Constitutional Court on the 16th May 2016, that Court stated:*

> "*17. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta'* Charles Stephen Muscat *u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta'* Borg v. Malta *mogħtija dan l-aħħar mill-*Qorti Ewropea.
>
> *"18. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.*
>
> *"19. Is-sentenza ta' Borg iżda għandha tinqara wkoll fid-*dawl tas-*sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ*

*ta' Dimech fejn il-qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.*

*"20. Madankollu, fil-każ tallum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.*

*"21. Dan ma jfissirx illi l-istqarrija ttieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur; fid-dawl ta' dak kollu li ngħad fuq, partikolarment is-sentenza ta' Dimech il-ksur iseħħ jekk u meta jsir użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali. Anzi, meta tqis illi fl-istqarrija l-attur ta informazzjoni utli biex jistgħu jinqabdu terzi li jittraffikaw id-droga, il-pulizija kellha raġuni tajba biex tinterroga lill-attur minnufih biex tikseb din l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr.*

*"22. Għalhekk il-qorti sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq meta tteħditlu l-istqarrija, iżda, biex ma jseħħx dak il-ksur waqt il-proċess kontra l-attur, ma hijiex sejra tħassar l-ordni tal-ewwel qorti għat-tneħħija tal-istqarrija mill-inkartament tal-proċess...."*

*9. It is clear from this judgement that while in **Borg vs Malta** criminal proceedings had been concluded, in **Saliba** the Constitutional Court decided that the accused's statement should be expunged.*

*10. In the present case, respondent Onyeabor was interrogated by the Police without having been granted access to a lawyer – notwithstanding his request for a lawyer, which was denied and this as at the time there was "a systemic restriction applicable to all accused persons". Respondent thus made a statement on the 4th February 2008 without such legal assistance.*

*11. In **Aaron Cassar vs L-Avukat Ġenerali et**, decided by the Constitutional Court on the 11th July 2016, where the accused's statement to the Police did not contain any incriminating declarations which could in any way prejudice him – while the contrary would appear to be the case here – that Court concluded that in view of what was decided in **Borg vs Malta**, the mere fact of a denial of legal assistance in the pre-trial stage constituted a breach of Article 6(1) of the Convention read in conjunction with Article 6(3):*

*"8. Iż-żamma tal-bilanċ neċessarju bejn id-diversi interessi involuti (tal-individwu, tal-komunità, tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja) fit-twettiq tal-ħarsien tad-drittijiet fondamentali tal-individwu għandu*

*jimmilita kontra s-sejbien ta' vjolazzjoni tal-Konvenzjoni – ħaġa serja fiha nfisha – meta ma jkun hemm ebda konsegwenzi ta' preġudizzju fuq min iqis lilu nnifsu (mingħajr ma neċessarjament ikun hekk) bħala "vittma". Din fl-aħħar mill-aħħar kienet il-motivazzjoni ta' din il-qorti fis-sentenza ta'* <u>*Charles Steven Muscat v. Avukat Ġenerali*</u> *u sentenzi oħra li ġew wara, li ma sabux ksur tal-jedd għal smigħ xieraq meta min ikun ta stqarrija mingħajr ma kellu l-għajnuna ta' avukat ma jkun ġarrab ebda preġudizzju minħabba f'hekk.*

*"9. Madankollu, għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fis-sentenzi fuq imsemmija hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata illi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza ta' Borg v. Malta imsemmija mill-ewwel qorti, li tqis il-fatt biss ta' nuqqas ta' għajnuna ta' avukat bħala ksur tal-art. 6(1) moqri mal-art. 6(3) tal-Konvenzjoni."*

*12. Nor has appellant Attorney General adduced any "compelling reasons" which may have justified denying respondent Onyeabor access to a lawyer at the interrogation stage.*

*13. While the statement in question of the accused has not been shown to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement as laid down in article 658 of the Criminal Code, nevertheless, for the reasons stated above, the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement.*"

Il-Qorti tosserva illi, abbazi tas-sentenzi fuq citati ghalhekk, il-posizzjoni legali llum il-gurnata hija wahda cara u kristallizzata u ghalhekk, fil-kaz odjern, la darba l-imputat ma nghatax id-dritt li jottjeni parir legali qabel irrilaxxja l-istqarrija tieghu u b'mod partikolari ghaliex tqis ukoll illi ghamel dikjarazzjonijiet, fl-istess stqarrija, illi fic-cirkostanzi tal-kaz, jistghu jkunu ta' pregudizzju ghalih, il-Qorti qed tqis tali stqarrija bhala prova inammissibbli u qeghda tiskartaha.

L-istess japplika wkoll ghall-istqarrijiet kollha l-ohra illi gew migbura mill-Pulizija in konnessjoni mal-kaz odjern u li jinsabu fl-atti tal-process.

## 8.2 - <u>L-ammissibilta' u l-valur probatorju ta' l-intercettazzjonijiet telefonici</u>

It-tieni kwistjoni illi ser tikkunsidra dina l-Qorti tikkoncerna l-ammissibilita` tal-intercettazzjonijiet telefonici illi saru fuq apparti telefonici tal-imputati u ta' dak kollu li l-Pulizija Ezekuttiva tista' tixhed dwaru abbazi ta' dak li l-imputat seta' qal verbalment waqt it-telefonati taghhom illi gew irregistrati.

Jirrizulta illi, tul l-investigazzjoni kollha tal-kaz, il-Pulizija Ezekuttiva, fl-istharrig taghha, talbet u ottjeniet li t-telefonati ta' l-imputat jigu intercettati u, sussegwentement, esebiet tali intercettazzjonijiet fl-atti tal-proceduri odjerni bhala prova kontra l-imputati.

Jirrizulta wkoll illi l-imputat fl-eccezzjonijiet originali tieghu, qieghed jikkontendi illi tali intercettazzjonijiet ghandhom jigu skartati minn dina l-Qorti peress illi ma humiex intercetazzjonijiet legali u mahrugin skond il-Ligi.

Jirrizulta illi l-Artikolu 6 (2) tal-Kap 391 tal-Ligijiet ta' Malta, intitolat **Att dwar is-Servizz tas-Sigurta'**, jipprovdi illi:

> *Ebda interċettazzjoni ta' jew interferenza ma' komunikazzjonijiet fil-kors tat-trasmissjoni tagħhom bil-posta jew bil-mezz ta' sistema ta' radjokomunikazzjoni jew ta' telekomunikazzjoni jew b'kull mezz ieħor ma għandu jkun kontra l-liġi jekk dan jiġi awtorizzat b'mandat maħruġ mill-Ministru bis-saħħa ta' dan l-artikolu.*

Jirrizulta illi n-natura w il-legalita' ta' l-intercettazzjonijiet telefonici w il-presentata tal-Mandati relattivi mahruga mill-Ministru abbazi ta' l-artikolu fuq imsemmija kien il-meritu ta' proceduri fl-ismijiet '**Il-Puluzija vs Marco Pace'**, liema proceduri kienu wasslu ghall-ordni, da' parte tal-Qorti, biex tali Mandati jigu esebiti, liema Mandati attwalment kienu gew esebiti.

Jirrizulta illi l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja, fejn il-Mandati gew esebiti mill-Awtoritajiet kompetenti, giet ikkontestata mill-Avuakt Generali fil-kawza '**Avukat Generali vs Kap tas-Servizz tas-Sigurta, ir-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali u, ghall kull interess li jista jkollu, Marco Pace**', fejn l-istess Avukat Generali talab illi l-Mandati esebiti jigu kkonsenjati lura lill-Kap tas-Servizz tas-Sigurta, fost affarjiet ohra.

Jirrizulta illi, fl-1 ta' Marzu 2011, l-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talba tar-rikorrent Avukat Generali u ghamlet is-segwenti ragunament:

> *11. Il-qorti tifhem illi l-prinċipju ewlieni li għandu jirregola din il-vertenza essenzjalment huwa illi fi stat ta' dritt ma hemm ebda setgħa pubblika li ma hijiex ġejja mil- liġi, illi kull setgħa pubblika għalhekk għandha tiġi eżerċitata kif tgħid u trid il-liġi, u illi l-organu li huwa fdat mill-Kostituzzjoni bil-ġurisdizzjoni biex jara jekk il-liġi tħarsitx – u jekk setgħa ġietx effettivament eżerċitata kif tgħid u trid il-liġi jew le – hija l-qorti. Il-kelma ta' uffiċjal pubbliku li hu mexa kif trid il-liġi ma hijiex biżżejjed biex ixxejjen din il-ġurisdizzjoni tal-qorti u biex iċaħħad lill- individwu mill-jedd ta' aċċess għall-qorti – jedd garantit taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.*
>
> *12. Għalhekk kull dispożizzjoni ta' liġi li tagħti setgħa pubblika għandha tinqara u tiftehemm fid-dawl ta' dan il-prinċipju kostituzzjonali u kull interpretazzjoni li tmur kontra dan il-prinċipju – fil-każ tallum, kull interpretazzjoni li żżomm lill-qorti milli tistħarrreġ dwar jekk il-Kap tas- Servizz tas-Sigurtà kellux mandat jew, għax ma kellux mandat, mexiex bi ksur tal-liġi – hija jew interpretazzjoni ħażina jew inkella interpretazzjoni tajba ta' liġi anti- kostituzzjonali.*
>
> *13. Billi l-preżunzjoni hija illi l-leġislatur ma jgħaddix liġijiet li jiksru l-*

*Kostituzzjoni, il-qrati ordinarji għandhom dejjem ifittxu li jagħtu lil-liġi ordinarja interpretazzjoni konformi mal-Kostituzzjoni u, meta dan ma jkunx possibbli, għandhom jagħmlu referenza lill-qorti ta' kompetenza kostituzzjonali.*

*14. L-art. 6(2) tal-Kap. 391 igħid hekk:*

> *" **6.** (2) Ebda interċettazzjoni ta' jew interferenza ma' komunikazzjonijiet fil-kors tat-trasmissjoni tagħhom bil- posta jew bi l-mezz ta' sistema ta' radjokomunikazzjoni jew ta' telekomunikazzjoni jew b'kull mezz ieħor ma għandu jkun kontra l-liġi jekk dan jiġi awtorizzat b'mandat maħruġ mill-Ministru bis-saħħa ta' dan l-artikolu."*

*15.* ***A contrario sensu, kull interċettazzjoni bħal dik tkun kontra l-liġi jekk ma tkunx awtorizzata b'mandat maħruġ taħt il-liġi u, jekk dak il-mandat ma jintweriex, il- qorti ma tkunx tista' tgħid jekk l-interċettazzjoni tkunx kontra l-liġi jew le****.* (sottolinear ta' dina l-Qorti) *Jekk il-qorti ma jkollhiex is-setgħa li tordna li jintwera l-mandat, u għalhekk li tara jekk il-liġi tħarsitx jew le, il-Kap tas-Servizz tas-Sigurtà jkun tqiegħed 'il fuq mil-liġi, ħaġa li żgur ma setgħetx tgħaddi minn moħħ leġislatur xewqan li jħares il-Kostituzzjoni, għax huwa assjomatiku illi fi stat ta' dritt ħadd ma hu 'l fuq mil-liġi. Interpretazzjoni tal-liġi f'dak is-sens tkun bilfors interpretazzjoni ħażina.*

*16. Għalhekk kienet tajba u konformi mal- Kostituzzjoni l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal- Maġistrati fis-sens illi l-qorti għandha dik is-setgħa, u kien tajjeb ukoll u kien lejali lejn il-liġi l-għemil tal-Kap tas- Servizz tas-Sigurtà li mexa kif ried dak l-ordni.*

Jirrizulta illi l-Avukat Generali appella minn tali decizjoni u fl-24 ta' Frar 2012, l-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Prim Istanza u ghamlet is-segwenti ragunament:

*Illi din hi kawza ta' natura legali imsejsa fuq provvedimenti tal-Att dwar is-Servizz ta' Sigurta` (Kap. 391 tal-Ligijiet ta' Malta). Il-konvenut Marco Pace ghaddej proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), u fil-kors tas-smiegh tal-provi tal-prosekuzzjoni gie esebit compact disk li jikkontjeni diskursata fuq it-telephone bejn l-akkuzat u terza persuna. Din l-intercetazzjoni telefonika saret, allegatament, bis-sahha ta' Mandat rilaxxat mill-Ministru responsabbli mis-Servizzi tas-Sigurta` kif awtorizzat bil- fuq imsemmija ligi. Il-Qorti tal-Magistrati, b'digriet tal-14 ta' April 2008, ordnat l-esebizzjoni tal-Mandat, li eventwalment gie esebit. L-Avukat Generali talab li dik l- ordni tal-Qorti tal-Magistrati tigi dikjarata illegali, peress li ma kellha ebda setgha taghti tali ordni, u li jkun awtorizzat jirtira l-istess Mandat.*

*L-ewwel Qorti cahdet it-talba tal-Avukat Generali, li ressaq appell ghal quddiem din il-Qorti. L-aggravji tieghu huma duplici: (i) dawn il-proceduri ma humiex ta' natura kostituzzjonali u allura l-ewwel Qorti kellha ssegwi l-ligi minghajr ma tidhol biex tikkunsidra jekk l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati kienitx jew le konformi mal-Kostituzzjoni; u (ii) li l-ligi, fl-Artikolu 18 tieghu, espressament jipprojbixxi s-smiegh ta' provi dwar jekk ikunx jew le inhareg Mandat ta' din ix-xorta.*

*Trattat l-ewwel aggravji, din il-Qorti tara' li ghalkemm hu minnu li din il-kawza mhux ta' natura kostituzzjonali, fejn si tratta mil-liberta` tal-individwu, mhux projbit li l-ligijiet in materja jigu moqrija u interpretati fil-kuntest ta' dak li tipprovdi l-Kostituzzjoni dwar il-libertajiet tal-persuna, specjalment ir-regoli intizi li persuna akkuzata b'reat ikollha smiegh xieraq. Fuq kollox, id-dritt ta' persuna li jkollha smiegh xieraq huwa principju naturali ta' dritt u anke l-ligi amministrattiva hija mmirata lejn dan il-ghan. Il- principju ta' dritt amministrattiv li kull diskrezzjoni moghtija lil xi awtorita` pubblika, anke jekk indikata f'termini l-aktar wisghin, hija dejjem sindakabbli mill-qrati, hu principju ta' gustizzja naturali bazat fuq ir-rispett lejn il-persuna tal- individwu. Il-kaz in ezami jidhol biex ikun ikkunsidrat bhala att amministrattiv, u ghalkemm din il-Qorti mhux se tghid, kif issottometta l-appellat Marco Pace, li "a non- justifiable administrative act" huwa fallaci, iridu jirrizultaw cirkostanzi gravi ta' interess pubbliku (ezempju, ta' difiza nazzjonali, tradiment) biex din il-Qorti tasal biex tiddeklina l-gurisdizzjoni generali li tissindika atti amministrattivi. Kwalunkwe decizjoni jew att li, min-natura taghha, hija kapaci li tkun reviewed mill-qrati, ghandha tkun soggetta ghal tali skruttinju, inattez kull tentattiv mil-Legislatur li jnehhi dik id-decizjoni mill-ezami ta' dawn il-qrati.*

*Fil-ktieb* ***De Smith's Judicial Review*** *(6th Edit. 2007 – Woolf, Jowell u Le Sueur), jinghad f'pagna 15 illi:*

> *"Judicial review has developed to the point where it is possible to say that no power – whether statutory or under the prerogative – is any longer inherently unreviewable. Courts are charged with the responsibility of adjudicating upon the manner of the exercise of a public power, its scope and its substance. As we shall see, even when discretionary powers are engaged, they are not immune from judicial review. Discretion has been described as the 'hole in the [legal] doughnut', but that hole is not automatically a lawless void. Nevertheless, there are certain decisions which courts cannot or should not easily engage. Courts are limited (a) by their constitutional role and (b) by their institutional capacity."*

*L-eccezzjonijiet li jkompli jispjega l-awtur ma japplikawx ghal dan il-kaz. In parallel ma' dan, din il-Qorti tghid li l- Qorti ghandha dejjem s-setgha li tistharreg dwar il- legalita` jekk mhux dwar il-meritu ta' kull decizjoni ta' korp amministrattiv.* ***Ghalkemm ma tistax tingieb prova li jkun inhareg jew li jkun ser jinhareg Mandat, il-Qorti trid tkun sodisfatta li l-intercettazzjoni relattiva hija legali, u skont il- ligi, Artikolu 6, intercettazzjoni hija kontra l-ligi jekk ma tkunx awtorizzata b'Mandat mahrug mill-Ministru responsabbli. Ebda Qorti ma tista' tippermetti l-illegalita` u ghandha d-dmir li tara' li jekk tkun saret intercettazzjoni telefonika, b'indhil ovvju ghad-dritt ta' privatezza ta' dak li jkun, din tkun skont il-ligi.*** (sottolinear ta' dina l-Qorti)

*Dan hu hekk ghax is-sistema Maltija, bhal dik Ingliza, hija bbazata fuq ir-rule of law. Kif jinghad fil-ktieb "Administrative Law" ta' Wade & Forsyth (7th Edit. Pagna 24),*

> *"The British Constitution is founded on the rule of law, and*

*administrative law is the area where this principle is to be seen in its most active operation. The rule of law has a number of different meanings and corollaries. Its primary meaning is that everything must be done according to law. Applied to the powers of government, this requires that every government authority which does some act which would otherwise be a wrong (such as taking a man's land), or which infringes a man's liberty (as by refusing him planning permission), must be able to justify its action as authorised by law – and in nearly every case this will mean authorised by Act of Parliament. Every act of governmental power, i.e every act which affects the legal rights, duties or liberties of any person, must be shown to have a strictly legal pedigree. The effected person may always resort to the courts of law, and if the legal pedigree is not found to be perfectly in order the court will invalidate the act, which he can then safely disregard."*

*Dan hu preciz dak li riedet taghmel il-Qorti tal-Magistrati f'dan il-kaz, agir li din il-Qorti qed tissanzjona. Sa zgur minn zmien il-famuza sentenza "***Anisminic***" (deciza mill- House of Lords fl-Ingilterra fl-1969), dawk l' hekk imsehja 'ouster clauses' ma jservux biex iwaqqfu lill-Qorti milli tara' li, tal-anqas, kull att tal-Gvern ikollu bazi fil-ligi. Dan hu principju fundamentali ta' dritt.*

*Din il-Qorti taqbel ma' dak li gie sottomess quddiem il- Qorti tal-Magistrati mill-appellat Marco Pace, meta saret riferenza ghall-kummentarju Ingliz ghal-ligi penali tal- Ingilterra, fejn il-ligi Maltija ssib l-origini taghha. Saret referenza ghal "Archbold" (Edit. 2008) li rrifera ghal opinjoni li kienu taw il-House of Lords fl-Ingilterra fl-2005 fis-sens li dik l-istituzzjoni irragunat li "it would be absurd that there could be no inquiry as to whether an interception was lawfully authorised or not, and as to whether or not the interceptor's conduct was excluded from criminal responsibility". Din il-Qorti tirraferma li l-qrati Maltin ghandhom gurisdizzjoni inerenti jissindikaw il- legalita` ta' kull att amministrattiv, u ebda ligi ma tista' tigi interpretata b'mod li twassal lil Qorti ma jimpurtahiex dwar jekk agir amministrattiv huwiex legali jew le.*

*Din il-Qorti, fil-kawza* **General Workers Union v. Bank of Valletta plc,** *deciza fid-19 ta' Jannar 2010, kienet ghamlet taghha decizjoni anterjuri fejn jinghad:*

> *"Illi ghalhekk wiehed jista' jikkonkludi illi att diskrezzjonali ta' ufficjal jew korp amministrattiv jista' jigi sindakat mill- Qorti fis-sens biss li t-tribunal jara jekk l-att hux legali ("within the terms of the statute"), jekk gewx osservati l- proceduri mehtiega ("complied with regulations") u jekk l- ezercizzju tad-diskrezzjoni kienx "fair and honest". Il-Qorti ma tistax pero`, tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha, bhala opportunita` jew espedjenza, ghal dik tal-ufficjal jew tal- korp li jkun." (***Neg. Ugo Pace v. Prof. Joseph Anastasi Pace noe*** *deciza fl-1 ta' Mejju 1946 mill-Prim' Awla tal- Qorti Civili Vol. XXXII-II-317 li kienet dwar stharrig gudizzjarju tal-War Damage Commission)."*

*Jekk att hux legali jew le jidhol fil-mansjonijiet generali ta' dawn il-qrati, mansjoni inderrogabbli ghax qatt ma jista' jigi prezunt li l-Legislatur ried*

*jillegalizza u jippermetti l- illegalita`*

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, a bazi tas-sentenzi fuq citati, il-posizzjoni legali hija wahda cara, fis-sens illi sabiex intercettazzjoni telefonika tkun wahda legalment ammissibbli, hija trid tkun mahruga b'Mandat tal-Ministru, kif tipprovdi l-Artikolu 6 (2) tal-Kap 391, u huwa dmir tal-Prosekuzzjoni illi tressaq il-prova mehtiega biex turi illi l-intercettazzjonijiet telefonici saru legalment.

Jirrizulta, fil-kaz odjern, fit-13 ta' Novembru 2002, Herbert Agius, Kap tas-Servizz tas-Sigurta, wara rifjut inizzjali da' parte tieghu, eventwalment fuq ordni tal-Qorti esebixxa l-Mandati mahruga a tenur ta' l-Artikolu 6, 7 u 8 tal-Kap 391, li jikludu wkoll telefonati ta' l-imputati kif gej:

- Suzanne Abela ghall-periodu 5 ta' Frar 2002 sa 2 ta' Ottubru 2002 – (fol 3878)
- Pierre Camilleri ghall-periodu 1 ta' Lulju 2002 sa 1 ta' Jannar 2003 – (fol 3879)
- Pierre Camilleri ghall-periodu 21 ta' Frar 2002 sa 21 ta' Dicembru 2002 – (fol 3880)
- Pierre Camilleri ghall-periodu 19 ta' Jannar 2002 sa 19 ta' Lulju 2002 – (fol 3881)
- Pierre Camilleri ghall-periodu 4 ta' Jannar 2002 sa 4 ta' Lulju 2002 – (fol 3882)
- Yvette Muscat ghall-periodu 6 ta' Lulju 2002 sa 6 ta' Jannar 2003 – (fol 3900)
- Yvette Muscat ghall-periodu 10 ta' Jannar 2002 sa 10 ta' Lulju 2002 – (fol 3901)
- Yvette Muscat ghall-periodu 21 ta' Gunju 2002 sa 21 ta' Dicembru 2002 – (fol 3902)
- Albert Bugeja ghall-periodu 25 ta' Jannar 2002 sal-25 ta' Lulju 2002 – (fol 3910)
- Carmen Armeni ghall-periodu 24 ta' April 2002 sa 24 ta' Ottubru 2002 – (fol 3912)
- Trudy Testa ghall-periodu 29 ta' Lulju 2002 sa 29 ta' Jannar 2003 – (fol 3913)
- Trudy Testa ghall-periodu 10 ta' Gunju 2002 sa 10 ta' Dicembru 2002 – (fol 3914)
- Trudy Testa ghall-periodu 8 ta' Frar 2002 sa 8 ta' Ottubru 2002 – (fol 3915)

L-istess Herbert Agius esebixxa ukoll l-intercetazzjonijiet kollha illi saru, inkluz l-intercettazzjonijiet maghmulha fuq il-numri cellulari kollha ta' l-imputati, kif gej:

- Albert Bugeja – Vol 17 - fol 4290 sa 4296
- Carmen Armeni – Vol 17 - fol 4297 sa 4336
- Juma Said Karfoosh – Vol 17 - fol 4343 sa 4362
- Yvette Muscat – Vol 26 - fol 7435 sa 7505
- Pierre Camilleri – Vol 26 - fol 7506 sa 7574
- Trudy Testa – Vol 27 - fol 7712 sa 7888
- Sylvana Bugeja – Vol 28 - fol 7998 sa 8002
- Sue Abela – Vol 28 - fol 8003 sa 8025

Jirrizulta, ghalhekk, illi dawna l-intercetazzjonijiet kollha huwa koperti minn Mandat debitament mahrug mill-Ministru tal-Intern ta' dak iz-zmien, u ghalhekk huma kollha ammissbbli bhala prova fil-kaz odjern.

## 9. - KONSIDERAZZJONIJIET IN GENERALI

Jirrizulta illi l-akkuzi illi ghandha quddiema dina l-Qorti fil-konfront ta' l-akkuzati hija illi fil-periodu ta' bejn it 30 ta' Novembru 2001 sat 30 ta' Mejju 2002, assocjaw ruhhom ma' persuni ohra biex ibiegh jew jittraffika l-kokaina w il-cannabis kif ukoll ghenu, hajjru, taw pariri u/jew fittxew biex jigi maghmul f'post barra minn Malta reat li ghalih hemm piena skond disposizzjonijiet ta' xi ligi korrispondenti li tkun sehhet f'dak il-post jew assocjaw ruhom ma persuni ohra f'Malta biex isir reat jew ihejji u/jew jiffacilita li jsir reat, liema reat, kieku sehh f'Malta kien ikun reat punibbli, liema akkuzi lkoll jikkontemplaw reati kontra l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101.

Fil-kaz ta' Suzanne Abela l-istess akkuzi gew ukoll estizi ghall-periodu ta' bejn it 30 ta' Mejju 1995 sat 30 ta' Mejju 2002 filwaqt illi fil-kaz ta' Sylvava Bugeja giet ukoll akkuzata illi fit 3 ta' Awissu 2002 u fis-sitt zhur ta' qabel, kellha fil-pusess taghha raza mehudha mill-pjanta cannabis kif ukoll kelllha wkoll il-pjanta jew bicca minnha, u dana bi ksur tal-Artikoli 8 (a) u 8 (d) rispettivament.

L-akkuza ghalhekk tibbaza ruhha fuq il-fatt, allegat mill-prosekuzzjoni, illi l-akkuzati b'xi mod, kienu involut fl-ippjanar u twettieq ta' reat li kien jipprovdi illi jigu impurtati gewwa Malta konsenja ta' madwar zewgt kilos kokaina, kilo eroina u madwar elfejn (2,000) pillola tal-Ecstasy minn gewwa l-Olanda, illi huma lkoll sustanza illegali ai fini tal-Kap 101.

Jirrizulta, skond ix-xhieda ta' l-Ispettur Neil Harrison, illi ghalkemm ir-reat ta' importazzjoni tad-drogi fuq imsemmija bdiet issehh billi l-istess drogi ngabru minn gewwa l-Olanda, dawna attwalment qatt ma wasslu f'Malta, rizultat ta' hidma effettiva u efficjenti tal-Korp tal-Pulizija u min kien qieghed imexxi din l-investigazzjoni, peress illi d-drogi inqabdu gewwa Sqallija hekk kif kienu ser jitnizzlu Malta.

Kif qalet il-Qorti Krimnali fil-kawza "*Ir-Repubblika ta' Malta vs Emmanuel Camilleri*" deciza fis-16 ta' Dicembru 2015 u li kienet tirrigwarda l-kaz ta' l-importazzjoni tad-droga fuq imsemmija, tali reat seta "*kellu konsegwenzi serji li iwasslu ghar-rovina tal-hajja ta' tant persuni, partikolarment zaghzagh, li qed jinkakmu mill-vizzju tad-droga biex minn fuq darhom l-importaturi w traffikanti tad-droga jaghmlu qliegh kbir ta' flus*".

Jirrizulta, izda, illi dina l-Qorti trid tevalwa l-involviment o meno tal-persuni akkuzati quddiema abbazi tal-provi illi gew drastikament ridotti rizultat ta' nuqqas da' parte tal-Awtoritajiet Ezekuttivi ta' dak iz-zmien, fejn irrifjutaw ghal snin shah illi jdahhlu d-dritt, legislat izda qatt rez effettiv, illi l-akkuzat ikun assist minn avukat, liema nuqqas wassal sabiex il-Qrati ta' Strasburgu kif ukoll il-Qrati lokali jiddikjaraw illi ma humex aktar ammissibbli bhala prova stqarrijiet moghtija lill-Pulizija jekk l-persuni illi jkunu taw tali stqarrija ma jkunux kkonsultaw ma' avukat – fil-kaz odjern, l-istqarrijiet kollha saru in vjolazzjoni ta' tali dritt, u ghalhekk huma totalment inammissibbli, u min naqas milli jdahhal tali dritt sancit fil-Ligi ghandu jerfa r-responsabbiltajiet tieghu.

Jirrizulta, ghalhekk, illi l-Qorti trid tevalwa l-provi prodotti l-ohra ppresentati mill-prosekuzzjoni, li ma jinkludu il-filmati u partikolarment l-intercettazzjonijiet telefonici tal-akkuzat.

## 10. KONSIDERAZZJONIJIET INDIVIDWALI ABBAZI TAT-TRASKRIZZJONIJIET

Il-Qorti fliet fir-reqqa t-traskrizzjonijiet telefonici tal-varji akkuzati, u minn tali traskrizzjonijiet, jirrizultalha dan li gej:

### 10.1 - Yvette Muscat

(Vol 26 – fol 7435 sa 7506)

Bhalma gia gie rilevat aktar il-fuq, Yvette Muscat hija l-mara ta' Charles Steven Muscat, illi dak iz-zmien kien jinsab gewwa c-Centru Korrettiv ta' Kordin.

Mill-intercettazzjoni telefonici esebiti, jirrizulta illi ta' spiss Charles Steven Muscat, minn gewwa l-habs, kien jikkomunika ma' martu, Yvette Muscat, u kienu jitkellmu, fost affarjiet ohra, dwar it-tfal u l-familja u kif kienu qed iqattghu l-gurnata taghhom kif ukoll dwar hlasijiet u trasferimenti ta' flus minn persuna ghall ohra, fosthom in konnessjoni ma' loghob. Jirrizulta wkoll illi kien hemm telefonati ma' Raymond Borg u Trudy Testa.

Ghalkemm f'tali telefonati jissemmew trasferimenti ta' flejjes minn persuna ghall ohra tramite Yvette Muscat, minn imkien ma jidher illi hemm xi ness bejn tali flejjes u l-importazzjoni ta' droga illi dwarha qed tigi akkuzata Yvette Muscat li assocjat ruhha maghha.

### 10.2 - Trudy Testa illum Camilleri

(Vol 27 – fol 7712 sa 7888)

Bhalma gia gie rilevat aktar il-fuq, Trudy Testa, illum Camilleri, hija l-mara ta' Emanuel Camilleri, illi dak iz-zmien kien jinsab gewwa c-Centru Korrettiv ta' Kordin.

Mill-intercettazzjoni telefonici esebiti, jirrizulta illi ta' spiss Emmanuel Camilleri, minn gewwa l-habs, kien jikkomunika ma' Trudy Testa, illi dak iz-zmien kellu relazzjonji maghha u sussegwentement izzewwigha, u kienu jitkellmu, fost affarjiet ohra, dwar it-tfal u l-familja u kif kienu qed iqattghu l-gurnata taghhom kif ukoll dwar hlasijiet relatati ma' flat gewwa Bugibba. Jirrizulta wkoll illi kien hemm telefonati ma' Anthony Gatt, Carmen Armeni, Yvette Muscat u Charles Steven Muscat.

Ghalkemm f'tali telefonati jissemmew, fost affarjiet ohra, flejjes u laqghat bejn persuni, minn imkien ma jidher illi hemm xi ness bejn tali flejjes u l-importazzjoni ta' droga illi dwarha qed tigi akkuzata Trudy Testa illum Camilleri li assocjat ruhha maghha.

**10.3 -** **<u>Pierre Camilleri</u>**

(Vol 26 – fol 7506 sa 7574)

Bhalma gia gie rilevat aktar il-fuq, Pierre Camilleri, huwa t-tifel ta' Mario Camilleri, illi dak iz-zmien kien jinsab gewwa c-Centru Korrettiv ta' Kordin.

Mill-intercettazzjoni telefonici esebiti, jirrizulta illi ta' spiss Mario Camilleri, minn gewwa l-habs, kien jikkomunika ma' Mario Camilleri, u kienu jitkellmu, fost affarjiet ohra, dwar ix-xoghol illi kellhom u Pierre Camilleri kien jinghata regolarment srtuzzjonijiet dwar flejjes illi kellu jigbor u flejjes illi kellu jhallas.

Ghalkemm f'tali telefonati jissemmew, fost affarjiet ohra, flejjes u laqghat bejn persuni, minn imkien ma jidher illi hemm xi ness bejn tali flejjes u l-importazzjoni ta' droga illi dwarha qed jigi akkuzat Pierre Camilleri li assocja ruhhu maghha.

**10.4 -** **<u>Carmen Armeni</u>**

(Vol 17 – fol 4298 sa 4336)

Mill-intercettazzjonijiet telefonici esebiti, jirrizulta illi Carmen Armeni kienet qieghda tikkomunika dwar safra gewwa Sqallija u jirrizulta illi kien in komunikazzjoni ma' diversi persuni, fosthom Anthony Gatt, li kien il-partner taghha dak iz-zmien, Juma Said Karfoush, Trudy Testa u ohtha Sylvana Bugeja.

Ghalkemm f'tali telefonati jissemmew, fost affarjiet ohra, laqghat bejn persuni kif ukoll arrangament ghas-safar, minn imkien ma jidher illi hemm xi ness bejn tali telefonati u l-importazzjoni ta' droga illi dwarha qed tigi akkuzata Carmen Armeni li assocjat ruhha maghha.

**10.5 -** **<u>Sylvana Bugeja</u>**

(Vol 28 – fol 7998 sa 8002)

Mill-intercettazzjonijiet telefonika wahda esebita, jirrizulta illi Sylvana Bugeja cemplet lill Carmen Armeni, li tigi ohtha, biex tistaqsiha x'ser taghmel dakinhar.

F'tali telefonata, minn imkien ma jidher illi hemm xi ness mal-importazzjoni ta' droga illi dwarha qed tigi akkuzata Sylvana Bugeja li assocjat ruhha maghha.

**10.6 -** **Juma Said Karfoosh**
(Vol 17 – fol 4343 sa 4362)

Jirrizulta illi l-prosekuzzjoni esebiet intercettazzjonijiet telefonici maghmulha fuq numru ta' l-akkuzat bejn it 23 ta' April 2002 u is-27 ta' April 2002 izda ma ppresentat ebda Warrant sabiex tipprova illi tali intercettazzjonijiet kienu debitament awtorizzati.

Ghaldaqstant, in vista ta' dak aktar il-fuq imsemmi, tali intercettazzjonijiet ma humiex ser jitqiesu bhala prova valida minn dina l-Qorti.

**10.7 -** **Suzanne Abela**
(Vol 28 – fol 7998 sa 8002)

Mill-intercettazzjonijiet telefonici esebiti, jirrizulta illi kien hemm komunikazzjoni bejn Suzanne Abela u Emmanuel Camilleri dwar safar u affarjiet personali ohra ta' l-istess Suzanne Abela u, meta Camilleri talabha assistenza sabiex tnizzel xi affarjiet, illi ma gewx identifikati, hija rrifjutat tghin.

Ghalhekk minn imkien ma jidher illi hemm xi ness bejn tali telefonati u l-importazzjoni ta' droga illi dwarha qed tigi akkuzata Suzanne Abela li assocjat ruhha maghha.

**10.8 -** **Albert Bugeja**
(Vol 17 – fol 4290 – 4296)

Mill-intercettazzjonijiet telefonika wahda esebita, jirrizulta illi Albert Bugeja ircieva telefonata minghand huh, Alfred Bugeja, fejn qallu illi kien ser icempillu xi hadd u kellu jaghmel dak li jghidlu.

F'tali telefonata, madanakollu, minn imkien ma jidher illi hemm xi ness mal-importazzjoni ta' droga illi dwarha qed jigi akkuzat Albert Bugeja li assocja ruhu maghha.

## 11. KONSIDERAZZJONIJIET INDIVIDWALI ABBAZI TA' PROVI OHRA

### 11.1 – JUMA SAID KARFOOSH

Jirrizulta illi fost il-provi l-ohra imressqa mill-prosekuzzjoni in konessjoni mal-akkuzi odjerni, hemm ir-relazzjoni tas-Sur Joseph Zammit, appuntat "bhala Espert Tekinku sabiex jezamia l-vettura LAU-817, partikolarment it-tank tal-petrol".

Jirrizulta, di fatti, illi l-prosekuzzjoni kienet qieghda tallega illi l-akkuzat Juma Said Karfoush, kien baghbas it-tank tal-petrol ta' dina l-vettura sabiex jaghmillha kompartiment fejn tinheba d-droga.

Jirrizulta illi skond ir-rapport tal-Espert Tekniku (Vol 15 – fol 4079 sa 4108), wara illi ezamina l-vettura, huwa wasal ghal konkluzjoni segwenti:

> *" 4) Illi l-esponenti ma sab l-ebda modifikazzjoni fuq l-ebda parti taghha, l-aktar fuq dak tat-tank tal-petrol jew fuq il-post fejn mieghu jintrabat dan it-tank tal-petrol fejn lanqas ma kien jirrizulta li dan it-tank kien gie maqlugh minn postu.*
>
> ...
>
> *6) Illi lanqas ma jinsab l-ebda tbaghbis fuq gewwa ta' din il-vettura, taht is-seats fuq il-floor board fejn hemm taht jinsab it-tank tal-petrol imsemmi."*

Jirrizulta, ghalhekk, illi ebda tbaghbis tat-tank tal-vettura LAU-817, propjeta ta' Carmen Armeni, ma qatt sar, kif allegat il-prosekuzzjoni fil-kawza odjerna.

### 11.2 – SYLVANA BUGEJA

Jirrizulta illi, fost l-akkuzi imressqu, lill Sylvana Bugeja akkuzawha ukoll illi kellha, fit 3 ta' Awissu 2002, kellha fil-pusess taghha raza mehudha mill-pjanta cannabis kif ukoll kelllha wkoll il-pjanta jew bicca minnha.

Jirrizulta illi l-Ispizjar Mario Mifsud tqabbad bhala espert u rrediga r-rapport tieghu li ppresneta fil 15 ta' Jannar 2003, liema rapport jinsab fi Vol 15 a fol 4066 sa 4075..

Jirrizulta, izda, illi tali rapport ma ezaminax id-droga allegatament misjuba fuq Sylvana Bugeja meta giet arrestata mill-Pulizija, izda jidher illi ezamina d-droga allegatament misjuba fuq Isaac Chetcuti.

Jirrizulta illi, ghalkemm il-Qorti fliet il-process odjern fir-reqqa, rapport in konnessjoni ma sejba ta' droga fil-pussess ta' Sylvana Bugeja ma instabitx. Ghalhekk tali prova hija nieqsa, liema fatt jimmilita favur l-akkuzata peress illi, anke jekk, dato non concesso, jigi accettat li instabu xi affarjiet fuq Sylvana Bugeja, liema fatt mhux necessarjament huwa ppruvat fil-provi prodotti, certament ma hemm ebda prova illi tali affarjiet kienu attwalment droga, kif allegat mill-prosekuzzjoni.

## 12. KONKLUZJONI - DECIZJONI

Il-Qorti,

Wara illi rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' l-akkuzati Yvette Muscat, Trudy Testa, Pierre Camilleri, Carmen Armeni, Sylvana Bugeja, Juma Said Karfoosh, Suzanne Abela u Albert Abela kif fuq indikati,

Wara illi rat il-provi kollha mressqa quddiemha,

Wara illi rat id-decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-inammissibbilta' ta' Statements moghtija minghajr l-assistenza tal-Avukat,

Wara illi rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22 (1) (a) (f) (1A) (1B) (2) (b) (i) (3A) (a) (b) (c) (d) u 26 tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap 101), r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (LS 101.02).

**Tillibera** lill-akkuzati kollha mill-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur